ISSN 1725-5104

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 20

Edizzjoni bil-Malti

Volum 51

24 ta' Jannar 2008

Leġiżlazzjoni

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 tal-21 ta' Jannar 2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 980/2005 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/924/KE** 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 56/2008 tat-23 ta' Jannar 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 9

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

Kummissjoni

2008/72/Euratom:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehimiet fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Konfederazzjoni Żvizzera (l-Iżvizzera) dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim ITER, il-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għall-ITER u l-Ftehim dwar Approċċ Usa' għat-territorju ta' l-Iżvizzera u dwar is-shubija ta' l-Iżvizzera fl-Intrapriża Konġunta Ewropew għall-ITER u l-Iżvilupp ta' l-Enerġija mill-Fużjoni** 11

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2008/73/KE, Euratom:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2004/277/KE, Euratom li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom li tistabilixxi mekkaniżmu Komunitarju ta' protezzjoni ċivili** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6464)* ([1]) 23

Corrigendum

★ **Rettifika għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Volum 29, p. 258-369)** 35

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 55/2008

tal-21 ta' Jannar 2008

li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 980/2005 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/924/KE

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-relazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u r-Repubblika tal-Moldova (hawn aktar 'il quddiem "il-Moldova") tibni fuq il-Ftehim ta' Kooperazzjoni u Sħubija li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1998 [1]. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tiegħu huwa li jippromwovi l-kummerċ u l-investiment u relazzjonijiet ekonomiċi tajba bejn il-Partijiet u biex irawwem żvilupp ekonomiku sostenibbli.

(2) Fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Ġirien (il-Pjan ta' Azzjoni PEĠ) għall-Moldova li ntlaħaq qbil dwaru fl-2005, l-UE impenjat ruħha li tikkunsidra l-possibbiltà li tagħti lill-Moldova Preferenzi Awtonomi tal-Kummerċ (ATPs) addizzjonali, sakemm il-Moldova ttejjeb sostanzjalment is-sistema tagħha tal-kontrolli u ċ-ċertifikazzjoni ta' l-oriġini tal-merkanzija. Fl-2006 l-Moldova irriformat il-leġiżlazzjoni doganali tagħha u laħqet livell sodisfaċenti ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni l-ġdida fil-bidu ta' l-2007.

(3) Sad-dħul tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007, il-Moldova kellha reġim ta' kummerċ ħieles mar-Rumanija. B'mod ġenerali l-effett tat-tkabbir ta' l-2007 kien negliġibbli għall-Moldova, imma kellu impatt negattiv fuq ftit mill-prodotti ta' esportazzjoni ewlenin tal-Moldova.

(4) Skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/924/KE [2], il-Moldova diġà tibbenefika minn arranġament speċjali ta' inċentivi għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba (il-GSP+) previst fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li japplika għal skema ta' preferenzi ġeneralizzati tat-tariffi [3] (GSPs).

(5) Il-livell ġenerali ta' l-importazzjonijiet mill-Moldova huwa biss 0,03 % ta' l-importazzjonijiet kollha tal-Komunità. Aktar ftuħ fis-suq huwa mistenni li jappoġġa l-iżvilupp ta' l-ekonomija tal-Moldova permezz ta' żieda fir-rendiment ta' l-esportazzjoni filwaqt li ma joħloqx effetti negattivi għall-Komunità.

(6) Huwa għalhekk adatt li jiġu estiżi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għall-Moldova billi jitneħħew il-bqija tal-limiti tat-tariffi għall-prodotti industrijali u billi jittejjeb l-aċċess tas-suq tal-Komunità għall-prodotti agrikoli.

(7) Skond il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-ENP, il-livell ta' ambizzjoni tar-relazzjoni UE-Moldova jiddependi fuq il-grad ta' l-impenn tal-Moldova għall-valuri komuni kif ukoll il-kapaċità tagħha li timplimenta prijoritajiet maqbula b'mod konġunt, inkluż li tkun lesta li tidħol f'riformi ekonomiċi effettivi. Aktar minn hekk, permezz tal-benefiċċji mill-preferenzi addizzjonali tarriffarji taħt ir-reġim tal-GSPs, il-Moldova ssodisfat il-kundizzjonijiet għar-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva ewlenija tal-konvenzjoni internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-ħarsien ta' l-ambjent u governanza tajba. Biex jiġi żgurat li l-Moldova żżomm il-livell ta' progress li tkun kisbet, l-għoti ta' preferenzi awtonomi għall-kummerċ addizzjonali se jkun soġġett għat-tkomplija ta' l-implimentazzjoni, u konformità, mal-prijorità u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni ENP u l-GSP+.

[1] ĠU L 181, 24.6.1998, p. 3.

[2] ĠU L 337, 22.12.2005, p. 50.

[3] ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2007 (ĠU L 141, 2.6.2007, p. 4).

(8) B'żieda ma' dan, il-jedd għall-benefiċċji mill-preferenzi awtonomi għall-kummerċ huma fuq kundizzjoni li l-Moldova tikkonforma mar-regoli relevanti ta' l-oriġini tal-prodotti u l-proċeduri relatati kif ukoll l-involviment f'kooperazzjoni amministrattiva effettiva mal-Komunità sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' frodi.

(9) Ir-raġunijiet għas-sospensjoni temporanja tal-preferenzi għandha tinkludi vjolazzjonijiet serji u sistematiċi tal-kundizzjonijiet għall-intitolament għall-arranġamenti preferenzjali, frodi jew nuqqas ta' provvediment ta' kooperazzjoni amministrattiva għall-verifika ta' l-oriġini ta' l-oġġetti u nuqqas mill-Moldova li turi li kompliet l-ingaġġ għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni ENP u l-pattijiet, il-konvenzjonijiet u l-protokolli elenkati fl-Anness II.

(10) Huwa neċessarju li tiġi prevista introduzzjoni mill-ġdid tad-dazji tat-Tariffi Komuni Doganali ta' kull prodott li jikkawża, jew li jhedded li jikkawża diffikultajiet serji għal produttur tal-Komunità ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament, soġġetta għal investigazzjoni mill-Kummissjoni.

(11) Għall-għanijiet tad-definizzjoni tal-kunċett ta' l-oriġini tal-prodotti, ċertifikazzjoni ta' l-oriġini u proċeduri amministrattivi ta' kooperazzjoni, se japplika t-Titolu IV, Kapitolu 2, Taqsima 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/2 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [1],

(12) Għall-fini ta' razzjonalizzazzjoni u simplifikazzjoni, hu xieraq li jiġi provdut li l-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta l-Kumitat tal-Kodiċi Doganali u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri speċifiċi li jinsabu f'dan ir-Regolament, tagħmel it-tibdiliet meħtieġa u l-emendi tekniċi meħtieġa skond dan ir-Regolament.

(13) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar tal-poteri implementattivi konferiti fuq il-Kummisjoni [2].

(14) L-introduzzjoni tal-miżuri proposti għall-prodotti li joriġinaw fil-Moldova se jagħmlu l-inklużjoni tal-Moldova fl-iskema tal-Komunità tal-preferenzi ġenerali tat-tariffi superfluwa. Huwa għalhekk xieraq li l-Moldova titneħħa mil-lista ta' benefiċjarji tar-Regolament (KE) Nru 980/2005 u mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji li jikkwalifikaw għall-GSP+ fid-Deċiżjoni 2005/924/KE.

(15) L-arranġamenti ta' importazzjoni adottati b'dan ir-Regolament għandhom jiġu mġedda abbażi tal-kondizzjonijiet magħmula mill-Kunsill u fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba fl-għoti tagħhom. Hu għalhekk xieraq li l-perjodu għal dawn l-arranġamenti ikun limitat sal-31 ta' Diċembru 2012,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Arranġamenti preferenzjali

1. Il-prodotti li joriġinaw fil-Moldova, apparti dawk inklużi fit-tabelli 1 u 2 fl-Anness I, għandhom jiġu aċċettati fil-Komunità mingħajr resistrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti u b'eżenzjoni għad-dazji u ħlasijiet li jkollhom l-istess effett.

2. Il-prodotti li joriġinaw fil-Moldova u huma inklużi fl-Anness I għandhom ikunu aċċettati biex jiġu importati fil-Komunità soġġetti għal dispożizzjonijiet speċjali stabbiliti fl-Artikolu 3.

Artikolu 2

Kundizzjonijiet ta' intitolament għall-arranġamenti preferenzjali

1. Eliġibilità għall-arranġamenti preferenzjali introdotti permezz ta' l-Artikolu 1 għandhom ikunu suġġetti għal:

(a) konformità mar-regoli ta' l-oriġini tal-prodotti u l-proċeduri relatati magħhom kif previst fit-Titolu IV, Kapitolu 2, taqsima 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93;

(b) konformità mal-metodi u l-kooperazzjoni amministrattiva kif previst fl-Artikoli 121 u 122 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93;

(ċ) l-involviment tal-Moldova f'koperazzjoni amministrattiva effettiva mal-Komunità sabiex jiġi evitat kull riskju ta' frodi;

(d) astensjoni tal-Moldova milli tintroduċi dazji ġodda jew ħlasijiet li jkollhom effett ekwivalenti u restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti daqs importazzjonijiet li joriġinaw fil-Komunità jew milli jiżdiedu livelli eżistenti ta' dazji jew ħlasijiet jew milli jiġu introdotti xi restrizzjonijiet oħra mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

[1] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2007 (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 6).

[2] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 1).

(e) tkomplija fil-kooperazzjoni tal-Moldova bl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet stabbilti fil-Pjan ta' Azzjoni ENP għall-Moldova ta' l-2005, b'mod partikolari fir-rigward ta' riformi ekonomiċi effettivi; u

(f) li l-Moldova żżomm ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-pattijiet, il-protokolli u l-konvenzjonijiet elenkati fl-Anness II u li taċċetta monitoraġġ regolari u tirrevedi r-rekord tagħha ta' implimentazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-pattijiet, il-protokolli u l-konvenzjonijiet li rratifikat.

2. Il-Kummissjoni se tkompli tirrivedi l-istatus tar-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-pattijiet, il-protokolli u l-konvenzjonijiet relevanti msemmija fil-paragrafu 1(e).

3. Fl-eventwalità ta' non-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-Kommissjoni tista' skond l-Artikolu 10, tieħu miżuri biex tissospendi l-arranġamenti preferenzjali previsti fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

Kwoti tat-tariffi u limiti tal-prezzijiet għal ċertu prodotti agrikoli

1. Prodotti elenkati fir-Tabella 1 ta' l-Anness I għandhom ikunu aċċettati għall-importazzjoni fil-Komunità b'eżenzjonijiet għad-dazji doganali fi ħdan il-limiti tal-kwoti tat-tariffi kif stabbiliti f'dik it-tabella.

2. Prodotti elenkati fit-Tabella 2 ta' l-Anness I għandhom ikunu aċċettati għall-importazzjoni fil-Komunità b'eżenzjoni tal-komponent *ad valorem* tad-dazju ta' l-importazzjoni.

3. Minkejja dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-Artikolu 10, jekk l-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli jikkawżaw tfixkil serju għas-swieq tal-Komunità u l-mekkaniżmi regolatorji tagħha, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri adatti skond il-proċedura stabbilità fil-liġi tal-Komunità applikabbli għall-prodotti in kwestjoni.

Artikolu 4

Implimentazzjoni tal-kwoti tat-tariffi għall-prodotti tal-ħalib

Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-kwoti tat-tariffi għat-titoli 0401 sa 0406 għandhom ikunu determinati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib [1].

Artikolu 5

Amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji

Il-kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 3(1) u elenkati fl-Anness I, apparti kwoti tariffarji għall-prodotti tal-ħalib imsemmija fl-Artikolu 4, għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni skond l-Artikoli 308a, 308b u 308ċ tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 6

Aċċess għal kwoti tariffarji

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-importaturi jkollhom aċċess ugwali u mhux interrott għal kwoti tariffarji għat-tul ta' perjodu sakemm il-bilanċ tal-volum tal-kwota rilevanti jippermetti.

Artikolu 7

Ghoti ta' poteri

Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2), tadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 4, notevolment:

(a) emendi u aġġustamenti meħtieġa wara li saru l-emendi għall-kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda u s-suddiviżjonijiet tat-TARIC;

(b) aġġustamenti meħtieġa wara konklużjoni ta' ftehimiet oħra bejn il-Komunità u l-Moldova.

Artikolu 8

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana istitwit bl-Artikolu 248a tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 [2], hawn aktar 'il quddiem "il-Kumitat".

2. Meta jsir riferiment għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu indikat fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 999/468/KE għandu jkun ta' xahar.

Artikolu 9

Il-kooperazzjoni

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw bis-sħiħ sabiex jassiguraw li dan ir-Regolament, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(1), jkunu mħarsa.

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1152/2007 (ĠU L 258, 4.10.2007, p. 3).

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

Artikolu 10

Sospensjoni temporanja

1. Fejn il-Kummissjoni ssib li hemm biżżejjed evidenza ta' frodi, irregolaritajiet jew nuqqas sistematiku mill-Moldova ta' konformità jew ta' żgurar ta' konformità mar-regoli ta' l-oriġini tal-prodotti u l-proċeduri relatati magħhom u biex tipprovdi kooperazzjoni amministrattiva kif imsemmi fl-Artikolu 2(1), jew nuqqas ta' konformità ma' xi waħda mill-kundizzjonijiet l-oħra definiti fl-Artikolu 2(1), tista' tieħu l-miżuri biex tissospendi kompletament jew parti mill-arranġamenti preferenzjali previsti f'dan ir-Regolament għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur, sakemm l-ewwel tkun:

(a) infurmat lill-Kumitat;

(b) sejħet lill-Istati Membri biex jieħdu dawk il-miżuri ta' prekawzjoni li jkunu meħtieġa sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Komunità u/jew sabiex tassigura konformità mill-Moldova ma' l-Artikolu 2(1);

(ċ) ippubblikat avviż fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea fejn igħid li jkun hemm raġunijiet għal dubji raġjonevoli għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti preferenzjali u/jew konformità ma' l-Artikolu 2(1) mill-Moldova li jista' jqajjem il-kwistjoni tal-jedd tagħha sabiex tkompli tgawdi l-benefiċċji mogħtija permezz ta' dan ir-Regolament;

(d) tkun infurmat lill-Moldova b'kull deċiżjoni li tkun ħadet skond dan il-paragrafu, qabel ma' dan isir effettiv.

2. Stat Membru jista' jirreferi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien 10 ijiem. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien 30 jum.

3. ma' l-għeluq tal-perjodu ta' sospensjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jew li ttemm il-miżura ta' sospensjoni proviżorja wara konsultazzjoni mal-Kumitat jew li testendi l-miżura ta' sospensjoni skond il-proċedura li tinsab fil-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha relevanti li tista' tiġġustifika s-sospensjoni tal-preferenzi jew l-estensjoni tagħhom.

Artikolu 11

Klawsola ta' salvagwardja

1. Meta prodott li joriġina fil-Moldova huwa importat fuq termini li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji għal produttur tal-Komunità għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament, id-dazji tat-Tariffi Doganali Komuni fuq dak il-prodott jista' jerġgħu jiġu introdotti f'kull ħin mill-Kunsill li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

2. Fuq talba ta' Stat Membru jew inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni formali biex tibda investigazzjoni fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħti bidu għal investigazzjoni, għandha tippubblika avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* li jħabbar l-investigazzjoni. In-notifika għandha tipprovdi sommarju ta' l-informazzjoni li tasal u tiddikjara kull informazzjoni relevanti li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni. Għandha tispeċifika il-perjodu, li m'għandux jaqbeż l-erba' xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tan-notifika, li fih il-partijiet interessati għandhom jikkomunikaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub.

3. Il-Kummissjoni għandha tfittex l-informazzjoni kollha li tqis meħtieġa u tista' tivverifika l-informazzjoni li taslilha mal-Moldova u kull sors rilevanti ieħor. tista' tiġi meġħjuna mill-uffiċjali ta' l-Istati Membri li fit-territorju tagħhom tista' ssir il-verifika, jekk dak l-Istat Membru jitlob dan.

4. Meta teżamina jekk hemmx diffikoltajiet serji, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, *inter alia*, il-fatturi li ġejjin, dwar il-produtturi tal-Komunità fejn l-informazzjoni hija disponibbli:

— sehem mis-suq,

— produzzjoni,

— stokk,

— kapaċità tal-produzzjoni,

— kapaċità ta' l-użu,

— impjieg,

— importazzjonijiet,

— prezzijiet.

5. L-investigazzjoni għandha titlesta fi żmien 6 xhur wara l-pubblikazzjoni tan-notifika msemmija fil-paragrafu 2. Il-Kummissjoni tista', f'każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u wara li tikkonsulta l-Kumitat, testendi dan il-perjodu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).

6. Il-Kummissjoni għandha tieħu d-deċiżjoni fi żmien 3 xhur, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8 (2). Deċiżjoni simili għandha tidħol fis-seħħ fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni tagħha.

7. Fejn ikun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jeħtieġu azzjoni immedjata għal investigazzjoni, il-Kummissjoni tista', wara li tinforma l-Kumitat, tieħu l-miżuri preventivi li huma strettament meħtieġa.

Artikolu 12

Miżuri ta' sorveljanza fis-settur agrikolu

Il-prodotti fil-Kapitoli 17, 18, 19 u 21 tas-Sistema Armonizzata, li joriġinaw fil-Moldova, għandhom ikunu soġġetti għal miżuri speċjali sabiex jevitaw disturbi fis-suq Komunitarju.

Jekk il-moldova ma tikkonformax mar-regoli ta' l-oriġini jew ma tipprovdix il-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa fl-Artikolu 2 għall-imsemmija Kapitoli 17, 18, 19 u 21, jew ta' importazzjoni ta' prodotti taħt dawk il-Kapitoli soġġetti għal arranġamenti preferenzjali mogħtija taħt dan ir-Regolament jeċċedu sewwa l-livelli tas-soltu ta' esportazzjoni tal-Moldova, għandhom jittieħdu miżuri xierqa skond il-proċeduri fl-Artikolu 3(3), l-Artikolu 10 jew l-Artikolu 11.

Artikolu 13

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 980/2005 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/924/KE

1. Fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 980/2005, l-entrata "MD Moldova, Repubblika tal-" hija abrogata.

2. Fl-Artikolu Waħdieni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/924/KE, l-entrata "(MD) Moldova, Repubblika tal-" hija abrogata.

Artikolu 14

Miżuri transitorji

1. Il-benefiċċju tal-preferenzi tat-tariffi ġeneralizzati stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 980/2005 għandu jkompli jingħata fir-rigward ta' l-oġġetti li joriġinaw mill-Moldova li jitqiegħdu f'ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità qabel l-ewwel jum tat-tielet taxxahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sakemm:

(a) l-oġġetti in kwistjoni huma koperti permezz ta' kuntratt ta' xiri magħmul qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament; kif ukoll

(b) jista' jintwera għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali li dawk l-oġġetti ħallew il-pajjiż ta' oriġini mhux aktar tard mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu iqisu l-paragrafu 1(b) bħala wieħed li ġie osservat jekk wieħed minn dawn id-dokumenti jkun mogħti lilhom:

(a) fil-każ ta' trasport bil-baħar jew waterway, il-bill of loading li juri li t-tagħbija tkun saret qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

(b) fil-każ ta' trasport bit-tren, in-nota ta' kunsinna li tkun aċċettata mill-awtoritajiet ta' l-istazzjon tal-pajjiż li jkun qed jibgħat l-oġġett qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

(ċ) fil-każ ta' trasport fuq l-art, il-karnè TIR tat-trasport interneazzjonali maħruġa qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament mill-uffiċċju tad-dwana fil-pajjiż ta' oriġini jew xi dokument ieħor xieraq awtentikat mill-awtoritajiet doganali rilevanti tal-pajjiż ta' oriġini qabel dik id-data;

(d) fil-każ ta' trasport bl-ajru, n-nota ta' kunsinna bl-ajru li turi li l-linja ta' l-ajru rċeviet l-oġġetti qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 15

Applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Veterinarja tal-Komunità

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament m' għandhom jaffettwaw l-ebda restrizzjoni jew regoli ta' l-importazzjoni li huma inklużi fil-leġiżlazzjoni Veterinarja tal-Komunità.

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-dħul tiegħu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Jannar 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

I. JARC

ANNESS I

PRODOTTI SOTTOMESSI GĦAL-LIMITI KWANTITATTIVI JEW LIMITU TAL-PREZZ IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3

Minkejja r-regoli ta' l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom jitqiesu li m'għandhomx aktar minn valur indikattiv, peress li l-iskema preferenzjali hija ddeterminata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċi NM. Fejn huma indikati l-kodiċi ex NM, l-iskema preferenzjali għandha tkun iddeterminata bl-applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi magħha meħuda flimkien.

1. *Prodotti soġġett għall-kwoti tat-tariffa ħielsa mid-dazju annwali*

Nru ta' l-Ordni.	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	2008 (1)	2009 (1)	2010 (1)	2011 (1)	2012 (1)
09.0504	0201 sa 0204	Laħam frisk, imkessaħ u friżat ta' annimali bovini, majjal domestiċi u nagħaġ u mogħoż.	3 000 (2)	3 000 (2)	4 000 (2)	4 000 (2)	4 000 (2)
09.0505	ex 0207	Laħam u ġewwieni li jittiekel tat-tjur taħt it-titolu 0105, frisk, imkessaħ jew friżat, appart fwied xaħmi taħt it-titolu 0207 34	400 (2)	400 (2)	500 (2)	500 (2)	500 (2)
09.0506	ex 0210	Laħam u ġewwieni li jittiekel tal-majjali u annimali bovini, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew iffumigat dqiq u smida li jittieklu mil-laħam jew mill-fdalijiet tal-laħam jew ġewwieni tal-laħam tal-majjal domestiku jew annimali bovini	400 (2)	400 (2)	500 (2)	500 (2)	500 (2)
09.4210	0401 sa 0406	Prodotti tal- ħalib	1 000 (2)	1 000 (2)	1 500 (2)	1 500 (2)	1 500 (2)
09.0507	0407 00	Bajd ta' l-għasafar, fil-qoxra	90 (3)	95 (3)	100 (3)	110 (3)	120 (3)
09.0508	ex 0408	Bajd ta' l-għasafar, mhux fil-qoxra u isfar tal-bajd, apparti dak mhux tajjeb għall-konsum uman	200 (2)	200 (2)	300 (2)	300 (2)	300 (2)
09.0509	1001 90 91	Qamħ komuni	25 000 (2)	30 000 (2)	35 000 (2)	40 000 (2)	50 000 (2)
09.0510	1003 00 90	Xgħir	20 000 (2)	25 000 (2)	30 000 (2)	35 000 (2)	45 000 (2)
09.0511	1005 90	Qamħirrun	15 000 (2)	20 000 (2)	25 000 (2)	30 000 (2)	40 000 (2)
09.0512	1601 00 91 u 1601 00 99	Zlazet u prodotti simili, tal-laħam, tal-ġewwieni ta' l-annimali jew tad-demm; preparazzjonijiet ta' l-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti	500 (2)	500 (2)	600 (2)	600 (2)	600 (2)
	ex 1602	Laħam ieħor ippreparat jew ippreservat, ġewwieni tal-laħam jew demm: — ta' tjur ta' l-ispeċi Gallus domesticus, mhux imsajjar, — tal-ħnieżer domestiċi — ta' bhejjem ta' l-ifrat, mhux imsajjar					
09.0513	1701 99 10	Zokkor Abjad	15 000 (2)	18 000 (2)	22 000 (2)	26 000 (2)	34 000 (2)
09.0514	2204 21 u 2204 29	Inbid ta' għeneb frisk, ta' saħħa alkoħolika attwali bil-massa ta' mhux aktar minn 15 % mas, ħlief inbid effervexxenti	60 000 (4)	70 000 (4)	80 000 (4)	100 000 (4)	120 000 (4)

(1) Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, ħlief għall-2008 mill-ewwel jum ta' l-applikazzjoni tar-Regolament sal-31 ta' Diċembru
(2) tunnellati (piż nett).
(3) miljuni ta' unitajiet,
(4) ettolitri

2. *Prodotti li għalihom il-komponent ad valorem tad-dazju ta' l-importazzjoni huwa eżentat*

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
0702	Tadam, frisk jew imkessaħ
0703 20	Tewm, frisk jew imkessaħ
0707	Ħjar u ħjar żgħir għall-immarinar (gherkins), friski jew imkessħin
0709 90 70	Qarabali, frisk jew imkessaħ
0709 90 80	Qaqoċċ tond
0806	Ġheneb, frisk jew imnixxef
0808 10	Tuffieħ, frisk
0808 20	Lanġas u sfarġel
0809 10	Berquq
0809 20	Ċirasa
0809 30	Ħawħ, inkluż in-nuċiprisk
0809 40	Għanbaqar u pruna selvaġġa

ANNESS II

PATTIJIET, KONVENZJONIJIET U PROTOKOLLI LI HEMM REFERENZA GĦALIHOM FL-ARTIKOLU 2(1)(F)

1. Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi
2. Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali
3. Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali
4. Il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa
5. Il-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattatment jew Kastig ieħor Kiefer, Inuman jew Degradanti
6. Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal
7. Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u Piena tar-Reat tal-Ġenoċidju
8. Konvenzjoni rigward l-Età Minima għad-Dħul fix-Xogħol (Nru 138)
9. Konvenzjoni rigward il-Projbizzjoni u l-Azzjoni Immedjata għall-Eliminazzjoni ta' l-Aġħar Forom ta' Xogħol tat-Tfal (Nru 182)
10. Konvenzjoni rigward l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat (Nru 105)
11. Konvenzjoni rigward Xogħol Furzat jew Obbligatorju (Nru 29)
12. Konvenzjoni rigward Ħlas Indaqs għal Ħaddiema Irġiel u Nisa għal Xogħol ta' Valur Ugwali (Nru 100)
13. Konvenzjoni rigward id-Diskriminazzjoni fir-Rigward tax-Xogħol u l-Impjegar (Nru 111)
14. Konvenzjoni dwar Ħelsien ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt li Torganizza (Nru 87)
15. Konvenzjoni rigward l-Applikazzjoni tal-Prinċipji għad-Dritt li Torganizza u Negozjar Kollettiv (Nru 98)
16. Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Soppressjoni u Piena għar-Reat ta' Qsim Razzjali
17. Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li jnaqqsu s-Saff ta' l-Ożonu
18. Il-Konvenzjoni ta' Basilea dwar il-Kontroll tal-Movimenti li Jaqsmu l-Fruntieri ta' l-Iskart ta' Riskju u d-Disponiment Minnhom
19. Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Pollutanti Organiċi Persistenti
20. Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fi Speċi Pperikolati ta' Fawna u Flora Selvaġġi
21. Il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika
22. Il-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosigurtà
23. Il-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima
24. Il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi (1961)
25. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi (1971)
26. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar illeċitu fid-Drogi Narkotiċi u s-Sustanzi Psikotropiċi (1988)
27. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (il-Messiku)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 56/2008

tat-23 ta' Jannar 2008

li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-24 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Jannar 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

[1] ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNESS

tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tat-23 ta' Jannar 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz [1]	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	IL	154,9
	MA	48,3
	TN	125,1
	TR	87,6
	ZZ	104,0
0707 00 05	JO	178,8
	MA	48,4
	TR	120,0
	ZZ	115,7
0709 90 70	MA	92,8
	TR	137,0
	ZZ	114,9
0709 90 80	EG	361,3
	ZZ	361,3
0805 10 20	EG	42,0
	IL	51,0
	MA	70,1
	TN	60,2
	TR	70,3
	ZZ	58,7
0805 20 10	MA	101,9
	TR	101,8
	ZZ	101,9
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	CN	84,5
	IL	105,3
	JM	120,0
	MA	150,6
	PK	51,2
	TR	77,5
	ZZ	98,2
0805 50 10	BR	72,8
	EG	75,5
	IL	120,2
	TR	120,2
	ZZ	97,2
0808 10 80	CA	87,8
	CL	60,8
	CN	85,4
	MK	36,5
	US	115,8
	ZA	60,7
	ZZ	74,5
0808 20 50	CL	59,3
	CN	71,5
	TR	116,7
	US	100,0
	ZA	95,8
	ZZ	88,7

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Novembru 2007

dwar il-konklużjoni ta' Ftehimiet fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Konfederazzjoni Żvizzera (l-Iżvizzera) dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim ITER, il-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għall-ITER u l-Ftehim dwar Approċċ Usa' għat-territorju ta' l-Iżvizzera u dwar is-sħubija ta' l-Iżvizzera fl-Intrapriża Konġunta Ewropew għall-ITER u l-Iżvilupp ta' l-Enerġija mill-Fużjoni

(2008/72/Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/976/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2007-2011) [1],

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER ("il-Ftehim ITER"), ta' l-Arranġament dwar l-Applikazzjoni Provvizorja tal-Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u tal-Ftehim dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER għall-Enerġija mill-Fużjoni fir-rigward ta' l-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER ("il-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għall-ITER"),

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/614/Euratom tat-30 ta' Jannar 2007 [2] li tikkonċerna il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Gvern tal-Ġappun għall-Implimentazzjoni Konġunta ta' l-Attivitajiet ta' Strateġija Usa' fil-Qasam tar-Riċerka dwar l-Enerġija mill-Fużjoni ("il-Ftehim dwar Strateġija Usa'"),

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 [3] li tistabbilixxi l-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp ta' l-Enerġija mill-Fużjoni ("l-Intrapriża Konġunta") u li tagħtiha vantaġġi ("Deċiżjoni 198/2007 Euratom"),

Wara li kkunsidrat il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Zvizzera fil-qasam tal-Fużjoni termonukleari kkontrollata u l-fiżika bil-plażma [4],

Billi:

(1) Il-Ftehim ITER, il-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għall-ITER u l-Ftehim dwar Approċċ Usa' jipprovdu li jgħoddu wkoll fit-territorju tal-Konfederazzjoni Żvizzera, li tipparteċipa fil-programm tal-Fużjoni ta' Euratom bħala Stat terz imsieħeb għal kollox skond it-Trattat Euratom jew ftehim rilevanti,

[1] ĠU L 400, 30.12.2006, p. 403 kif ikkoreġut bil-ĠU L 54, 22.2.2007, p. 139-148.
[2] ĠU L 246, 21.9.2007, p. 32.
[3] ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58.
[4] ĠU L 242, 4.9.1978, p. 2, kif emendat bil-protokoll li jemenda l-Ftehim tal-Kooperazzjoni, ĠU L 116, 30.4.1982, p. 21.

(2) Id-Deċiżjoni 2007/198Euratom u l-Istatuti annessi ma' dik ta' qabel ("l-Istatuti") jipprevedu s-sħubija fl-Intrapriża Konġunta ta' pajjiżi terzi li kkonkludew ftehim ta' kooperazzjoni ma' l-Euratom fil-qasam mill-Fużjoni nukleari kkontrollata li jassoċjaw il-programmi ta' riċerka rispettivi tagħhom mal-programmi ta' Euratom u li esprimew ix-xewqa tagħhom li jsiru Membri ta' l-Intrapriża Konġunta,

(3) L-Anness I ta' l-Istatuti diġà jipprovdi għad-drittijiet tal-votazzjoni ta' l-Iżvizzera fil-Bord tat-Tmexxija ta' l-Intrapriża Konġunta bħala Membru tagħha,

(4) L-Iżvizzera, li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-programm ta' Euratom fir-riċerka ta' l-enerġija, esprimiet formalment l-intenzjoni tagħha li ssir membru ta' l-Intrapriża Konġunta għal perjodu inizjali li jdum daqs is-7 Programm Kwadru ta' Euratom,

(5) Huwa fl-interess tal-Komunità li tiftiehem formalment ma' l-Iżvizzera dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim ITER, tal-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għall-ITER u tal-Ftehim dwar Approċċ Usa' għat-territorju ta' l-Iżvizzera u l-modalitajiet tas-sħubija ta' l-Iżvizzera fl-Intrapriża Konġunta,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjoni għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER, tal-Ftehim dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER għall-Enerġija mill-Fużjoni fir-Rigward ta' l-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u tal-Ftehim bejn Euratom u l-Gvern tal-Ġappun għall-implimentazzjoni konġunta ta' Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-qasam tar-riċerka fl-enerġija mill-Fużjoni għat-territorju tal-Konfederazzjoni Żvizzera hija b'dan approvata f'isem il-Komunità.

2. It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni bħala Anness I.

Artikolu 2

1. Il-Konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-sħubija ta' l-Iżvizzera fl-Intrapriża Konġunta għall-ITER u l-Iżvilupp ta' l-Enerġija mill-Fużjoni hija b'dan approvata f'isem il-Komunità.

2. It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni bħala Anness II.

Artikolu 3

Il-Kummissarju responsabbli għar-Riċerka jew persuna maħtura minnu huwa b'dan awtorizzat li jiffirma l-ittri rispettivi msemmija fl-Artikoli 1 u 2 f'isem il-Komunità.

Magħmula fi Brussell, 22 ta' Novembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Janez POTOČNIK

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

ABBOZZ TA' FTEHIM

fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER għall-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER, il-Ftehim dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER għall-Enerġija mill-Fużjoni fir-Rigward ta' l-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u l-Ftehim bejn il-Gvern tal-Gappun u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika għall-Implimentazzjoni Konġunta ta' l-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-Qasam tar-Riċerka dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għat-territorju tal-Konfederazzjoni Żvizzera

A. *Ittra mill-Konfederazzjoni Żvizzera*

Għażiż Kummissarju,

Għandi l-unur ngħarrfek li l-awtoritajiet Żvizzeri innutaw il-kontenut tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-UE tal-25 ta' Settembru 2006 (12731/06) dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2007 (5455/07) dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Gvern tal-Ġappun u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (Euratom) għall-Implimentazzjoni Konġunta ta' l-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-qasam tar-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni.

Il-Konfederazzjoni Żvizzera ("l-Iżvizzera") taqbel li tapplika l-Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER (il-Ftehim ITER, Anness I) u l-Ftehim bejn Euratom u l-Gvern tal-Ġappun għall-Implimentazzjoni Konġunta ta' l-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-qasam tar-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni (Ftehim dwar Approċċ Usa', Anness II) fit-territorju sovran tagħha, kif jingħad fl-Artikolu 21 tal-Ftehim ITER u fl-Artikolu 26 tal-Ftehim dwar Approċċ Usa', rispettivament. L-applikazzjoni ta' dawn il-Ftehimiet għall-Iżvizzera tikkostitwixxi kontinwazzjoni ta' l-impenn eżistenti tagħha fil-qasam tar-riċerka tal-fużjoni fl-ispirtu ta' l-Artikolu 3(3) tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni ta' l-14 ta' Settembru 1978 bejn l-Iżvizzera u Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari kontrollata u l-fiżika tal-plażma. Barra minn dan, tikkostitwixxi implimentazzjoni ta' kooperazzjoni intensiva fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika, kif jingħad fil-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni fis-7 Programmi Kwadru tal-Komunità Ewropea u Euratom.

Dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-Ftehimiet għall-Iżvizzera, Euratom u l-Iżvizzera ftiehmu bi qbil reċiproku dwar dawn il-punti li ġejjin:

(a) Il-persuni ta' nazzjonalità Żvizzera li għandhom drittijiet sħaħ ta' ċittadini għandhom ikunu eliġibbli taħt l-istess kondizzjonijiet bħal dawk għal persuni ta' nazzjonalità mill-Istati Membri ta' l-UE biex ikunu:

— nominati mill-Euratom bħala rappreżentanti tal-Kunsill ta' l-Organizzazzjoni għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (Artikolu 6(1) tal-Ftehim ITER);

— nominati mill-Kunsill ta' l-Organizzazzjoni għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER bħala impjegati anzjani (Artikolu 6 (7)(d) tal-Ftehim ITER);

— impjegati sekondati mill-Euratom għall-Organizzazzjoni għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (Artikolu 7(2) tal-Ftehim ITER);

— impjegati direttament mill-Organizzazzjoni għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER permezz ta' ħatra mid-Direttur-Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (Artikolu 7(2) u (4)(b) tal-Ftehim ITER);

— nominati mill-Euratom bħala rappreżentanti fuq il-Kumitat tat-Tmexxija dwar l-attivitajiet ta' Approċċ Usa' u fuq il-Kumitati tal-Proġetti ta' l-Approċċ Usa' (Artikoli 3 u 5 tal-Ftehim dwar Approċċ Usa');

— nominati mill-Kumitat tat-Tmexxija bħala impjegati tas-Segretarjat (Artikolu 4 tal-Ftehim dwar Approċċ Usa');

— sekondati mill-Euratom għall-Attivitajiet ta' Approċċ Usa', jiġifieri bħala membri tat-timijiet tal-proġetti jew bħala mexxejja tal-proġetti (Artikolu 6 tal-Ftehim dwar Approċċ Usa').

(b) Skond l-Artikolu 12 tal-Ftehim ITER, l-Iżvizzera taqbel li l-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER fir-rigward ta' l-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER (ITER-API, Anness III) jgħodd għall-Iżvizzera skond l-Artikolu 24 ta' l-ITER-API. L-Iżvizzera taqbel ukoll li l-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Ftehim dwar Approċċ Usa' jgħoddu għat-territorju tagħha skond l-Artikoli 13 u 14(5) tal-Ftehim dwar Approċċ Usa'.

L-Annessi I sa III jiffurmaw parti integrali minn din l-ittra.

L-awtoritajiet Żvizzeri għandhom jiġu kkonsultati mill-Euratom jekk il-Ftehim ITER, il-Ftehim dwar Approċċ Usa', jew l-ITER-API msemmija f'dan l-iskambju ta' ittri jiġu emendati. Kwalunkwe emenda li taffettwa l-obbligi ta' l-Iżvizzera teħtieġ il-qbil formali tagħha qabel ma tieħu effett għall-Iżvizzera.

Din l-estensjoni miftiehma lejn l-Iżvizzera għandha tiġi applikata provviżorjament fid-data tar-risposta tal-Kummissjoni għal din l-ittra. L-applikazzjoni ta' dan l-iskambju ta' ittri tibqa' provviżorja sakemm il-Parlament Żvizzeru jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-kontenut tagħha għall-Iżvizzera. L-Iżvizzera għandha tgħarraf lill-Euratom meta jitlestew il-proċeduri interni ta' l-Iżvizzera għall-approvazzjoni. Id-data ta' l-irċevuta ta' din in-notifika mill-Euratom tikkostitwixxi d-dħul fis-seħħ ta' dan l-iskambju ta' ittri. L-applikazzjoni tal-ftehimiet differenti għall-Iżvizzera msemmija f'din l-ittra tintemm jekk l-Iżvizzera ma tibqax membru ta' l-Intraprriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp ta' l-Enerġija mill-Fużjoni.

L-Euratom għandha tinnotifika lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER u lill-Gvern tal-Ġappun dwar din l-ittra dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim ITER u dwar il-Ftehim dwar Approċċ Usa' għall-Iżvizzera.

Dejjem tiegħek,

Bernhard MARFURT

Kap tal-Missjoni Żvizzera

ANNESS I

Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER

(It-test tal-Ftehim dwar l-Istabbiliment ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett [1] ***mhuwiex riprodott hawn)***

[1] ĠU L 358, 16.12.2006, p. 62.

ANNESS II

Ftehim bejn il-Gvern tal-Gappun u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika għall-Implimentazzjoni Konġunta ta' l-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-Qasam tar-Riċerka dwar l-Enerġija mill-Fużjoni

(It-test tal-Ftehim bejn il-Gvern tal-Ġappun u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u għall-Implimentazzjoni Konġunta ta' l-Attivitajiet ta' Strateġija Usa' fil-Qasam tar-Riċerka dwar l-Enerġija tal-Fużjoni [1] ***mhuwiex riprodott hawn)***

[1] ĠU L 246, 21.9.2007, p. 34.

ANNESS III

Ftehim dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER fir-Rigward ta' l-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER

(It-test tal-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER fir-Rigward ta' l-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER [1] ***mhuwiex riprodott hawn)***

[1] ĠU L 358, 16.12.2006, p. 82.

B. *Ittra mill-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika*

Sinjur,

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek tal-5 ta' Novembru 2007 li tgħid:

"Għażiż Kummissarju,

Għandi l-unur ngħarrfek li l-awtoritajiet Żvizzeri nnutaw il-kontenut tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-UE tal-25 ta' Settembru 2006 (12731/06) dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2007 (5455/07) dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Gvern tal-Ġappun u l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (Euratom) għall-Implimentazzjoni Konġunta ta' l-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-qasam tar-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni.

Il-Konfederazzjoni Żvizzera ('l-Iżvizzera') taqbel li tapplika l-Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER (il-Ftehim ITER, Anness I) u l-Ftehim bejn Euratom u l-Gvern tal-Ġappun għall-Implimentazzjoni Konġunta ta' l-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-qasam tar-riċerka dwar l-Enerġija mill-Fużjoni (Ftehim dwar Approċċ Usa', Anness II) fit-territorju sovran tagħha, kif jingħad fl-Artikolu 21 tal-Ftehim ITER u fl-Artikolu 26 tal-Ftehim dwar Approċċ Usa', rispettivament. L-applikazzjoni ta' dawn il-Ftehimiet għall-Iżvizzera tikkostitwixxi kontinwazzjoni ta' l-impenn eżistenti tagħha fil-qasam tar-riċerka tal-fużjoni fl-ispirtu ta' l-Artikolu 3(3) tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni ta' l-14 ta' Settembru 1978 bejn l-Iżvizzera u Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari kontrollata u l-fiżika tal-plażma. Barra minn dan, tikkostitwixxi implimentazzjoni ta' kooperazzjoni intensiva fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika, kif jingħad fil-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni fis-7 Programmi Qafas tal-Komunità Ewropea u Euratom.

Dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-Ftehimiet għall-Iżvizzera, Euratom u l-Iżvizzera ftehmu b'kunsens reċiproku dwar dawn il-punti li ġejjin:

(a) Il-persuni ta' nazzjonalità Żvizzera li għandhom drittijiet sħaħ ta' ċittadini għandhom ikunu eliġibbli taħt l-istess kondizzjonijiet bħal dawk għal persuni ta' nazzjonalità mill-Istati Membri ta' l-UE biex ikunu

— nominati mill-Euratom bħala rappreżentanti tal-Kunsill ta' l-Organizzazzjoni għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (Artikolu 6(1) tal-Ftehim ITER);

— nominati mill-Kunsill ta' l-Organizzazzjoni għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER bħala impjegati anzjani (Artikolu 6(7)(d) tal-Ftehim ITER);

— impjegati sekondati mill-Euratom għall-Organizzazzjoni għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (Artikolu 7(2) tal-Ftehim ITER);

— impjegati direttament mill-Organizzazzjoni għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER permezz ta' ħatra mid-Direttur-Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (Artikolu 7(2) u (4)(b) tal-Ftehim ITER)

— nominati mill-Euratom bħala rappreżentanti fuq il-Kumitat tat-Tmexxija dwar l-attivitajiet ta' Approċċ Usa' u fuq il-Kumitati tal-Proġetti ta' l-Approċċ Usa' (Artikoli 3 u 5 tal-Ftehim dwar Approċċ Usa');

— nominati mill-Kumitat tat-Tmexxija bħala impjegati tas-Segretarjat (Artikolu 4 tal-Ftehim dwar Approċċ Usa');

— sekondati mill-Euratom għall-Attivitajiet ta' Approċċ Usa', jiġifieri bħala membri tat-timijiet tal-proġetti jew bħala mexxejja tal-proġetti (Artikolu 6 tal-Ftehim dwar Approċċ Usa').

(b) Skond l-Artikolu 12 tal-Ftehim ITER, l-Iżvizzera taqbel li l-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER fir-rigward ta' l-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER (ITER-API, Anness III) jgħodd għall-Iżvizzera skond l-Artikolu 24 ta' l-ITER-API. L-Iżvizzera taqbel ukoll li l-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Ftehim dwar Approċċ Usa' jgħoddu għat-territorju tagħha skond l-Artikoli 13 u 14(5) tal-Ftehim dwar Approċċ Usa'.

L-Annessi I sa III jiffurmaw parti integrali ta' din l-ittra.

L-awtoritajiet Żvizzeri għandhom jiġu kkonsultati mill-Euratom jekk il-Ftehim ITER, il-Ftehim dwar Approċċ Usa', jew l-ITER-API msemmija f'dan l-iskambju ta' ittri jiġu emendati. Kwalunkwe emenda li taffettwa l-obbligi ta' l-Iżvizzera teħtieġ il-qbil formali tagħha qabel ma tieħu effett għall-Iżvizzera.

Din l-estensjoni miftiehma lejn l-Iżvizzera għandha tiġi applikata provviżorjament fid-data tar-risposta tal-Kummissjoni għal din l-ittra. L-applikazzjoni ta' dan l-iskambju ta' ittri tibqa' provviżorja sakemm il-Parlament Żvizzeru jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-kontenut tagħha għall-Iżvizzera. L-Iżvizzera għandha tgħarraf lill-Euratom meta jitlestew il-proċeduri interni ta' l-Iżvizzera għall-approvazzjoni. Id-data ta' l-irċevuta ta' din in-notifika mill-Euratom tikkostitwixxi d-dħul fis-seħħ ta' dan l-iskambju ta' ittri. L-applikazzjoni tal-ftehimiet differenti għall-Iżvizzera msemmija f'din l-ittra tintemm jekk l-Iżvizzera ma tibqax membru ta' l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp ta' l-Enerġija mill-Fużjoni.

L-Euratom għandha tinnotifika lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER u lill-Gvern tal-Ġappun dwar din l-ittra dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim ITER u dwar il-Ftehim dwar Approċċ Usa' għall-Iżvizzera."

B'dan għandi l-unur nesprimi l-qbil tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika ma' din l-ittra.

Dejjem tiegħek.

F'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika

Janez POTOČNIK

L-ANNESS II

ABBOZZ TA' FTEHIM

fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-sħubija ta' l-Iżvizzera fl-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp ta' l-Enerġija mill-Fużjoni

A. *Ittra mill-Konfederazzjoni Żvizzera*

Għażiż Kummissarju,

Fit-18 ta' Lulju 2006 il-Konfederazzjoni Żvizzera ("l-Iżvizzera") innotifikat lill-Kummissjoni dwar l-interess kbir fl-Intrapriża Ewropea Konġunta għall-ITER u l-Iżvilupp ta' l-Enerġija mill-Fużjoni.

Għandi l-pjaċir ngħarrfek li l-awtoritajiet Żvizzeri kkonċernati innutaw il-kontenut tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 dwar it-Twaqqif ta' l-Intrapriża Ewropea Konġunta ("l-Intrapriża Konġunta"). B'mod partikolari, l-Iżvizzera hija konxja tal-possibbiltà li pajjiżi terzi jsiru membri ta' l-Intrapriża Konġunta bil-kundizzjoni li jkunu kkonkludew ftehim ta' kooperazzjoni ma' l-Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata li tassoċja l-programmi ta' riċerka rispettivi tagħhom mal-programmi ta' l-Euratom.

F'isem l-Iżvizzera għandi l-unur niddikjara li, skond l-Artikolu 2(ċ) ta' l-imsemmija Deċiżjoni tal-Kunsill, l-Iżvizzera hija ppreparata li ssir membru ta' l-Intrapriża Konġunta. Din l-isħubija tkun il-bażi ta' kooperazzjoni li tibqa' għaddejja bejn l-Euratom u l-Iżvizzera. Sejra tissostanzja l-kontinwazzjoni ta' impenji eżistenti għar-riċerka dwar il-fużjoni skond l-Artikolu 3(3) tal-Ftehim tal-Kooperazzjoni ta' l-14 ta' Settembru 1978 bejn Euratom u l-Iżvizzera fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata u l-fiżika tal-plażma. Ukoll, din l-isħubija sejra tikkostitwixxi l-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni intensiva fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika, kif jingħad fil-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni fis-7 Programmi Kwadru tal-Komunità Ewropea u l-Euratom.

Minħabba r-rieda ta' l-Iżvizzera li ssir membru ta' l-Intrapriża Konġunta, nibqa' nafhulek jekk tikkonferma li din l-interpretazzjoni li ġejja hija wkoll dik tal-Kummissjoni li tirrappreżenta lill-Euratom:

Minkejja l-Artikoli 12(2)(a) u 82(3)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KESE) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 dwar ir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali u l-kundizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u skond l-Artikolu 10 ta' l-Istatuti ta' l-Intrapriża Konġunta mehmuża mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' l-Intrapriża Konġunta u d-dispożizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-regolamenti ta' l-Impjegati mill-Intrapriża Konġunta, il-persuni ta' nazzjonalità Żvizzera li għandhom drittijiet sħaħ ta' ċittadini jistgħu jiġu maħtura mid-Direttur ta' l-Intrapriża Konġunta bħala impjegati ta' l-Intrapriża Konġunta.

Barra minn hekk, nixtieq nikkonferma li l-Iżvizzera bħala membru ta' l-Intrapriża Konġunta se tħares l-imsemmija Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-Twaqqif ta' l-Intrapriża Konġunta u li tagħtiha l-benefiċċji. B'mod partikolari:

(a) Skond l-Artikolu 7 ta' l-imsemmija Deċiżjoni tal-Kunsill, l-Iżvizzera tapplika l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għall-Intrapriża Konġunta, id-Direttur u l-Impjegati tagħha taħt il-modalitajiet mehmuża ma' din il-korrispondenza (l-Anness I).

(b) L-Iżvizzera tagħti l-vantaġġi kollha provduti fl-Anness III tat-Trattat Euratom (Anness II) lill-Intrapriża Konġunta fl-ambitu ta' l-attivitajiet uffiċjali tagħha.

(ċ) L-Iżvizzera taċċetta d-distribuzzjoni tad-drittijiet tal-votazzjoni tal-Membri tal-Bord tat-Tmexxija u li tagħmel il-kontribuzzjoni annwali ta' is-sħubija għall-Intrapriża Konġunta skond l-Anness I u l-Anness II ta' l-Istatuti inklużi fl-imsemmija Deċiżjoni tal-Kunsill.

(d) L-Iżvizzera taċċetta l-kontroll finanzjarju fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħha fl-attivitajiet ta' l-Intrapriża Konġunta stipulat fl-imsemmija Deċiżjoni tal-Kunsill u mehmuża ma' din il-korrispondenza (l-Anness III).

L-Annessi I, II, u III jiffurmaw parti integrali minn din l-ittra.

Skond l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 21 ta' l-Istatuti mehmuża ma' l-imsemmija Deċiżjoni tal-Kunsill l-awtoritajiet Żvizzeri se jiġu kkonsultati jekk id-dispożizzjonijiet ta' l-Istatuti se jiġu emendati. Fil-fatt, l-Iżvizzera tenfasizza li kwalunkwe emenda li taffettwa l-obbligi ta' l-Iżvizzera teħtieġ il-qbil formali tagħha qabel ma tieħu effett għall-Iżvizzera.

Jekk dan ta' hawn fuq huwa aċċettabbli għall-Kummissjoni, għandi l-unur nipproponi li din l-ittra, flimkien mar-risposta tal-Kummissjoni f'dak is-sens għandha tikkostitwixxi ftehim bejn l-Iżvizzera u Euratom li għandu jiġi applikat provvisorjament fid-data tar-risposta tal-Kummissjoni għal din l-ittra. L-applikazzjoni ta' dan il-ftehim tibqa' provvisorja sakemm il-Parlament Żvizzeru jiddeċiedi dwar is-shubija ta' l-Iżvizzera fl-Intrapriża Konġunta. L-Iżvizzera għandha tgħarraf lill-Euratom meta jitlestew il-proċeduri interni ta' l-Iżvizzera għall-approvazzjoni. Id-data ta' l-irċevuta ta' din in-notifika mill-Euratom tikkostitwixxi d-dħul fis-seħħ. Dan il-ftehim se jiġi konkluż għat-terminu tas-seba' programm kwadru ta' l-Euratom, jiġifieri mill-2007 sal-2011. Jiġġedded b'mod taċitu għat-terminu tal-programmi kwadru ta' l-Euratom sussegwenti, sakemm ebda parti ma tikkanċella l-ftehim għall-inqas sena qabel it-tmiem tal-programm kwadru rispettiv li jkun fis-seħħ.

Dejjem tiegħek tassew,

Bernhard MARFURT
Kap tal-Missjoni Żvizzera

ANNESS I

Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej

(It-test tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej [1] ***is mhuwiex riprodott hawn)***

[1] ĠU C 321 E, 29.12.2006, p. 318..

Appendiċi

Proċedura għall-Applikazzjoni fl-Iżvizzera tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej

1. L-estensjoni ta' l-applikazzjoni għall-Iżvizzera

Kull fejn il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") fih riferenzi għall-Istati Membri, ir-riferenzi għandhom jinftiehmu li jgħoddu b'mod indaqs għall-Iżvizzera, kemm-il darba dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin ma jiddeterminawx mod ieħor.

2. Eżenzjoni ta' l-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER mit-tassazzjoni indiretta (inkluża l-VAT)

Il-prodotti u s-servizzi esportati mill-Iżvizzera m'għandhomx ikunu soġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) Żvizzera. Fil-każ ta' prodotti u servizzi provduti lill-Intrapriża Konġunta Ewropea ghall-ITER fl-Iżvizzera għall-użu uffiċjali tagħha, skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 3 tal-Protokoll, l-eżenzjoni mill-VAT għandha tingħata permezz ta' rifużjoni. L-eżenzjoni mill-VAT għandha tingħata jekk il-prezz attwali ta' xiri tal-prodotti u s-servizzi msemmi fil-fattura jew dokument ekwivalenti għandu total ta' għall-inqas 100 Frank Żvizzeru (bit-taxxa inkluża).

Ir-rifużjoni tal-VAT għandha tingħata fuq preżentazzjoni lid-Diviżjoni Ewlenija tal-VAT ta' l-Amministrazzjoni tat-Taxxa Federali, tal-formoli Żvizzeri provduti għal dak l-iskop. Bħala regola, l-applikazzjonijiet għar-rifużjoni għandhom jiġu pproċessati fi żmien tliet xhur wara d-data li fiha ġew ippreżentati flimken mad-dokumenti ta' sostenn meħtieġa.

3. Proċedura għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Intrapriża Konġunta Ewropea ghall-impjegati ta' l-ITER

Fir-rigward tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13 tal-Protokoll, l-Iżvizzera ghandha teżenta, skond il-prinċipji tal-liġi nazzjonali tagħha, uffiċjali u impjegati oħrajn ta' l-Intrapriża Konġunta Ewropea ghall-ITER fis-sens ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KESE, KEE) Nru 549/69 tal-25 ta' Marzu 1969 (ĠU L 74, 27.3.1969, p. 1) minn taxxi federali, kantonali u komunali fuq salarji, pagi u emolumenti mħallsa lilhom mill-Komunità u soġġetti ghal taxxa interna ghall-benefiċċju tagħha stess.

L-Iżvizzera m'ghandhiex titqies bħala Stat Membru fis-sens tal-punt 1 hawn fuq ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 14 tal-Protokoll.

L-uffiċjali u impjegati oħrajn ta' l-Intrapriża Konġunta Ewropea ghall-ITER u membri tal-familji tagħhom li huma membri tas-sistema ta' l-assigurazzjoni soċjali applikabbli ghall-uffiċjali u impjegati oħrajn tal-Komunità m'ghandhomx ikunu obbligati jkunu membri tas-sistema tas-sigurtà soċjali Żvizzera.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollha ġuriżdizzjoni esklussiva fi kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna r-relazzjonijiet bejn l-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER jew il-Kummissjoni u l-impjegati tagħha fir-rigward ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KEE/Euratom/KESE) Nru 259/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1) u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-Liġi Komunitarja li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet tax-xogħol.

ANNESS II

Anness III tat-Trattat Euratom li jipprovdi Vantaġġi fuq l-Intrapriża Konġunta "Fużjoni għall-Enerġija"

(It-test ta' l-Anness III tat-Trattat Euratom mhuwiex riprodott hawn)

ANNESS III

Il-Kontroll Finanzjarju fir-rigward tal-Parteċipanti Żvizzeri fl-Attivitajiet ta' l-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp ta' l-Enerġija mill-Fużjoni

Artikolu 1

Il-komunikazzjoni diretta

L-Intrapriża Konġunta u l-Kummissjoni għandhom jikkomunikaw direttament mal-persuni kollha jew entitajiet stabbiliti fl-Iżvizzera u li jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' l-Intrapriża Konġunta, bħala kuntratturi, parteċipanti fil-programmi ta' l-Intrapriża Konġunta, reċipjenti tal-pagamenti mill-Intrapriża Konġunta jew mill-baġit Komunitarju, jew subkuntratturi. Dawn il-persuni jistgħu jibgħatu direttament lill-Kummissjoni u lill-Intrapriża Konġunta l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha li huma meħtieġa jissottomettu fuq bażi ta' l-istrumenti msemmija f'dan il-Ftehim u ta' kuntratti jew ftehimiet konklużi u kwalunkwe deċiżjoni meħuda taħthom.

Artikolu 2

Il-verifiki

1. Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1), kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1) u r-regolament finanzjarju adottat mill-Bord li Jirregola ta' l-Intrapriża Konġunta fit-22 ta' Ottubru 2007, flimkien mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati ghall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1), kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 478/2007 tat-23 ta' April 2007 (ĠU L 111, 28.4.2007, p. 13) u ma' l-istrumenti l-oħrajn imsemmija f'dan il-Ftehim, il-kuntratti jew ftehimiet konklużi u d-deċiżjonijiet meħuda ma' benefiċjarji stabbiliti fl-Iżvizzera jistgħu jipprovdu biex isiru verifiki xjentifiċi, finanzjarji, teknoloġiċi jew ta' xorta oħra fi kwalunkwe ħin fuq il-post tal-benefiċjarji u tas-subkuntratturi tagħhom mill-Intrapriża Konġunta u mill-uffiċjali tal-Kummissjoni jew minn persuni oħrajn b'mandat mingħand l-Intrapriża Konġunta u l-Kummissjoni.

2. L-uffiċjali ta' l-Intrapriża Konġunta u tal-Kummissjoni u persuni oħrajn b'mandat mingħand l-Intrapriża Konġunta u l-Kummissjoni għandu jkollhom aċċess xieraq ghal siti, xogħlijiet u dokumenti u ghall-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettqu dawn il-verifiki, inklużi f'forma elettronika. Dan id-dritt ta' aċċess ghandu jitniżżel b'mod espliċitu fil-kuntratti jew ftehimiet konklużi sabiex jiġu implimentati l-istrumenti msemmija f'dan il-Ftehim.

3. Il-Qorti ta' l-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej ghandu jkollha l-istess drittijiet bħall-Kummissjoni.

4. Il-verifiki jistgħu jsiru sa ħames snin wara l-iskadenza ta' dan il-Ftehim jew skond it-termini tal-kuntratti jew ftehimiet konklużi u d-deċiżjonijiet meħuda.

5. L-Uffiċċju Federali Żvizzeru tal-Verifiki ghandu jiġi mgħarraf minn qabel dwar il-verifiki mwettqa fuq territorju Żvizzeru. Din l-informazzjoni m'ghandhiex tkun kondizzjoni legali biex isiru dawn il-verifiki.

Artikolu 3

Il-verifiki ghal gharrieda fuq il-post

1. Taħt dan il-Ftehim, il-Kummissjoni (OLAF) ghandha tkun awtorizzata twettaq verifiki u spezzjonijiet ghal gharrieda fuq il-post fuq territorju Żvizzeru, taħt it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti taħt ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996.

2. Il-verifiki u l-ispezzjonijiet għal għarrieda fuq il-post għandhom jiġu ppreparati u mwettqa mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni qrib ma' l-Uffiċċju Federali Żvizzeru tal-Verifiki jew ma' awtoritajiet kompetenti Żvizzeri oħrajn maħtura mill-Uffiċċju Federali Żvizzeru tal-Verifiki, li għandhom ikunu mgħarrfa fi żmien biżżejjed dwar l-għan, l-iskop u l-bażi legali tal-verifiki u l-ispezzjonijiet, sabiex ikunu jistgħu jipprovdu l-għajnuna kollha meħtieġa. Ghal dak l-għan, l-uffiċjali ta' l-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri jistgħu jipparteċipaw fil-verifiki u l-ispezzjonijiet għal għarrieda fuq il-post.

3. Jekk l-awtoritajiet Żvizzeri kkonċernati hekk jixtiequ, il-verifiki u l-ispezzjonijiet għal għarrieda fuq il-post jistgħu jsiru konġuntament bejnhom u l-Kummissjoni.

4. Fejn il-parteċipanti fil-programm jirreżistu verifika jew ispezzjoni għal għarrieda fuq il-post, l-awtoritajiet Żvizzeri, filwaqt li jaġixxu skond ir-regoli nazzjonali, għandhom jagħtu lill-ispetturi tal-Kummissjoni dik l-għajnuna li jeħtieġu sabiex ikunu jistgħu iwettqu dmirhom fit-twettiq ta' verifika jew ispezzjoni għal għarrieda fuq il-post.

5. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta mill-aktar fis possibbli lill-Uffiċċju Federali Żvizzeru tal-Verifiki kwalunkwe fatt jew suspett dwar xi irregolarità li saret taf biha fil-kors ta' verifika jew ispezzjoni għal għarrieda fuq il-post. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni hija meħtieġa tgħarraf lill-awtorità msemmija dwar ir-riżultat ta' dawn il-verifiki u ispezzjonijiet.

Artikolu 4

L-informazzjoni u l-konsultazzjoni

1. Ghall-ghanijiet ta' implimentazzjoni xierqa ta' dan l-Anness, l-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri u Komunitarji ghandhom jiskambjaw l-informazzjoni b'mod regolari u, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, ghandhom iwettqu l-konsultazzjonijiet.

2. L-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri ghandhom jgħarrfu lill-Intrapriża Konġunta u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien ta' kwalunkwe fatt jew suspett li saru jafu bih relatat ma xi irregolarità fir-rigward tal-konklużjoni u l-implimentazzjoni tal-kuntratti jew ftehimiet konklużi fl-applikazzjoni ta' l-istrumenti msemmija f'dan il-Ftehim.

Artikolu 5

Il-Kunfidenzjalità

L-informazzjoni kkomunikata jew miksuba fi kwalunkwe forma skond dan l-Anness ghandha tkun koperta mis-sigriet professjoanli u protetta bl-istess mod bhalma informazzjoni simili hija protetta mil-liġi Żvizzera u mid-dispożizzjonijiet korrispondenti li jghoddu ghall-istituzzjonijiet Komunitarji. Din l-informazzjoni m'ghandhiex tiġi kkomunikata lil persuni ħlief dawk fl-istituzzjonijiet Komunitarji, fl-Istati Membri, jew fl-Iżvizzera li l-funzjonijiet taghhom jeħtieġu li jkunu jafuha u lanqas ma tista' tintuża ghal skopijiet oħrajn minbarra li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva ta' l-interessi finanzjarji tal-Partijiet Kuntraenti.

Artikolu 6

Il-miżuri u l-penali amministrattivi

Mingħajr preġudizzju ghall-applikazzjoni tal-liġi kriminali Żvizzera, l-Intrapriża Konġunta jew il-Kummissjoni tista' timponi miżuri u penali amministrattivi skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 u tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea.

Artikolu 7

L-irkupru u l-infurzar

Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Intrapriża Konġunta jew mill-Kummissjoni fl-ambitu ta' dan il-Ftehim li jimponu obbligu fi flus fuq persuni li mhumiex Stati ghandhom ikunu infurzabbli fl-Iżvizzera.

L-ordni ta' l-infurzar ghandha tinħareġ, mingħajr kontroll ieħor ħlief il-verifika ta' l-awtenticità ta' l-att, mill-awtorità maħtura mill-gvern Żvizzeru, li ghandha tgħarraf lill-Intrapriża Konġunta jew lill-Kummissjoni dwarha. L-infurzar ghandu jsir skond ir-regoli tal-proċedura Żvizzeri. Il-legalità tad-deċiżjoni ta' l-infurzar ghandha tkun soġġetta ghall-kontroll mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

Is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej skond klawżola ta' arbitraġġ ghandhom ikunu infurzabbli taħt l-istess termini.

B. *Ittra mill-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika*

Sinjur,

Għandi l-unur nirrikonoxxi l-wasla ta' l-ittra tiegħek tal- 5 ta' Novembru 2007 li taqra kif ġej:

"Fit-18 ta' Lulju 2006 il-Konfederazzjoni Żvizzera ('l-Iżvizzera') innotifikat lill-Kummissjoni dwar l-interess kbir fl-Intrapriża Ewropea Konġunta għall-ITER u l-Iżvilupp ta' l-Enerġija mill-Fużjoni.

Għandi l-pjaċir ngħarrfek li l-awtoritajiet Żvizzeri kkonċernati innutaw il-kontenut tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 dwar it-Twaqqif ta' l-Intrapriża Ewropea Konġunta ("l-Intrapriża Konġunta"). B'mod partikolari, l-Iżvizzera hija konxja tal-possibbiltà li pajjiżi terzi jsiru membri ta' l-Intrapriża Konġunta bil-kundizzjoni li jkunu kkonkludew ftehim ta' kooperazzjoni ma' l-Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata li tassoċja l-programmi ta' riċerka rispettivi tagħhom mal-programmi ta' l-Euratom.

F'isem l-Iżvizzera għandi l-unur niddikjara li, skond l-Artikolu 2(ċ) ta' l-imsemmija Deċiżjoni tal-Kunsill, l-Iżvizzera hija ppreparata li ssir membru ta' l-Intrapriża Konġunta. Din l-isħubija tkun il-bażi ta' kooperazzjoni li tibqa' għaddejja bejn l-Euratom u l-Iżvizzera. Sejra tissostanzja l-kontinwazzjoni ta' impenji eżistenti għar-riċerka dwar il-fużjoni skond l-Artikolu 3(3) tal-Ftehim tal-Kooperazzjoni ta' l-14 ta' Settembru 1978 bejn Euratom u l-Iżvizzera fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata u l-fiżika tal-plażma. Ukoll, din l-isħubija sejra tikkostitwixxi l-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni intensiva fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika, kif jingħad fil-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni fis-7 Programmi Kwadru tal-Komunità Ewropea u l-Euratom.

Minħabba r-rieda ta' l-Iżvizzera li ssir membru ta' l-Intrapriża Konġunta, nibqa' nafhulek jekk tikkonferma li din l-interpretazzjoni li ġejja hija wkoll dik tal-Kummissjoni li tirrappreżenta lill-Euratom:

Minkejja l-Artikoli 12(2)(a) u 82(3)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KESE) nru. 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 dwar ir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u skond l-Artikolu 10 ta' l-Istatuti ta' l-Intrapriża Konġunta mehmuża mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' l-Intrapriża Konġunta u d-dispożizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-regolamenti ta' l-Impjegati mill-Intrapriża Konġunta, il-persuni ta' nazzjonalità Żvizzera li għandhom drittijiet sħaħ ta' ċittadini jistgħu jiġu maħtura mid-Direttur ta' l-Intrapriża Konġunta bħala impjegati ta' l-Intrapriża Konġunta.

Barra minn hekk, nixtieq nikkonferma li l-Iżvizzera bħala membru ta' l-Intrapriża Konġunta se tħares l-imsemmija Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-Twaqqif ta' l-Intrapriża Konġunta u li tagħtiha l-benefiċċji. B'mod partikolari:

(a) Skond l-Artikolu 7 ta' l-imsemmija Deċiżjoni tal-Kunsill, l-Iżvizzera tapplika l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għall-Intrapriża Konġunta, id-Direttur u l-Impjegati tagħha taħt il-modalitajiet mehmuża ma' din il-korrispondenza (l-Anness I).

(b) L-Iżvizzera tagħti l-vantaġġi kollha provduti fl-Anness III tat-Trattat Euratom (Anness II) lill-Intrapriża Konġunta fl-ambitu ta' l-attivitajiet uffiċjali tagħha.

(ċ) L-Iżvizzera taċċetta d-distribuzzjoni tad-drittijiet tal-votazzjoni tal-Membri tal-Bord tat-Tmexxija u li tagħmel il-kontribuzzjoni annwali ta' l-isħubija għall-Intrapriża Konġunta skond l-Anness I u l-Anness II ta' l-Istatuti inklużi fl-imsemmija Deċiżjoni tal-Kunsill.

(d) L-Iżvizzera taċċetta l-kontroll finanzjarju fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħha fl-attivitajiet ta' l-Intrapriża Konġunta stipulat fl-imsemmija Deċiżjoni tal-Kunsill u mehmuża ma' din il-korrispondenza (L-Anness III).

L-Annessi I, II, u III jiffurmaw parti integrali minn din l-ittra.

Skond l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 21 ta' l-Istatuti mehmuża ma' l-imsemmija Deċiżjoni tal-Kunsill l-awtoritajiet Żvizzeri se jiġu kkonsultati jekk id-dispożizzjonijiet ta' l-Istatuti se jiġu emendati. Fil-fatt, l-Iżvizzera tenfasizza li kwalunkwe emenda li taffettwa l-obbligi ta' l-Iżvizzera teħtieġ il-qbil formali tagħha qabel ma tieħu effett għall-Iżvizzera.

Jekk dan ta' hawn fuq huwa aċċettabbli għall-Kummissjoni, għandi l-unur nipproponi li din l-ittra, flimkien mar-risposta tal-Kummissjoni f'dak is-sens għandha tikkostitwixxi ftehim bejn l-Iżvizzera u Euratom li għandu jiġi applikat provviżorjament fid-data tar-risposta tal-Kummissjoni għal din l-ittra. L-applikazzjoni ta' dan il-ftehim tibqa' provviżorja sakemm il-Parlament Żvizzeru jiddeċiedi dwar l-iskubija ta' l-Iżvizzera fl-Intrapriża Konġunta. L-Iżvizzera għandha tgħarraf lill-Euratom meta jitlestew il-proċeduri interni ta' l-Iżvizzera għall-approvazzjoni. Id-data ta' l-irċevuta ta' din in-notifika mill-Euratom tikkostitwixxi d-dħul fis-seħħ ta' dan l-iskambju ta' ittri. Dan il-ftehim se jiġi konkluż għat-terminu tas-seba' programm kwadru ta' l-Euratom, jiġifieri mill-2007 sal-2011. Jiġġedded b'mod taċitu għat-terminu tal-programmi kwadru ta' Euratom sussegwenti, sakemm ebda parti ma tikkanċella l-ftehim għall-inqas sena qabel it-tmiem tal-programm kwadru rispettiv li jkun fis-seħħ."

Għandi l-unur ngħarrfek li Euratom taqbel ma' l-imsemmija interpretazzjoni tar-regolamenti tal-Persunal u l-kontenut ta' din l-ittra, u li nikkonferma li l-Iżvizzera għandha ssir il-membru ta' l-Intrapriża Konġunta fid-data ta' din l-ittra.

Dejjem tiegħek,

F'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika

Janez POTOČNIK

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Diċembru 2007

li temenda d-Deċiżjoni 2004/277/KE, Euratom li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom li tistabilixxi mekkaniżmu Komunitarju ta' protezzjoni ċivili

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6464)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/73/KE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom tat-8 ta' Novembru 2007 li tistabilixxi mekkaniżmu Komunitarju ta' protezzjoni ċivili [1], u partikolarment l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/277/KE, Euratom tad-29 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom li tistabilixxi mekkaniżmu Komunitarju li jiffaċilita l-koperazzjoni rinfurzata fl-interventi ta' assistenza fil-protezzjoni ċivili [2] għandha tiġi emendata biex tinkorpora regoli ta' implimentazzjoni dwar il-protezzjoni ċivili Ewropea. Dawn ir-regoli għandhom ikopru l-karatteristiċi ewlenin tal-moduli tal-protezzjoni ċivili bħall-kompiti, il-kapaċitajiet, l-elementi tagħhom, u l-ħin biex jiġu operattivi, u jiddefenixxu l-livell xieraq ta' l-awtosuffiċjenza u interoperabbiltà tagħhom.

(2) Il-moduli tal-protezzjoni ċivili magħmula minn riżorsi nazzjonali minn Stat Membru wieħed jew aktar, fuq bażi volontarja, jikkostitwixxu kontribut għall-kapaċità ta' rispons rapidu ta' protezzjoni ċivili mitlub mill-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tal-laqgħa tiegħu tas-16 u 17 ta' Ġunju 2005 u mill-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Jannar 2005 dwar id-diżastru tat-tsunami. Għall-moduli tal-protezzjoni ċivili biex ikunu f'pożizzjoni jikkontribwixxu għar-rispons għal emerġenzi ewlenin, il-karatteristiċi ewlenin għandhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti ġenerali.

(3) L-iskwadri ta' appoġġ għall-assistenza teknika li jwettqu kompiti ta' appoġġ huma meħtieġa fil-post biex jgħinu fil-valutazzjoni Komunitarja u/jew skwadri ta' kordinament fl-oqsma ta' l-istabbiliment u t-treġija ta' l-uffiċini, telekomunikazzjoni, sussistenza u trasport. Għal dan l-għan huwa neċessarju li jiġu ddefiniti rekwiżiti ġenerali għall-iskwadri ta' appoġġ għall-assistenza teknika. Tali skwadri jistgħu wkoll jikkontribwixxu għall-ilħiq tar-rekwiżiti ta' awtosuffiċjenza tal-moduli tal-protezzjoni ċivili. Kwalunkwe arranġament għall-inkorporazzjoni ta' skwadri ta' appoġġ għall-assistenza teknika fil-moduli tal-protezzjoni ċivili għandhom isiru qabel it-trażmissjoni ta' informazzjoni ġenerali dwar il-moduli mill-Kummissjoni.

(4) Il-moduli tal-protezzjoni ċivili għandhom ikunu kapaċi jiffunzjonaw b'mod awtosuffiċjenti għal perjodu partikolari ta' żmien. Għalhekk huwa neċessarju li jiġu ddefiniti r-rekwiżiti ġenerali għall-awtosuffiċjenza u, fejn xieraq, ir-rekwiżiti speċifiċi li jistgħu jvarjaw fil-funzjoni skond it-tip ta' intervent jew it-tip ta' modulu kkonċernat. Għandha tiġi kkunsidrata l-prassi komuni ta' l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali bħal perjodi estiżi ta' awtosuffiċjenza għal moduli ta' tiftix urban u salvataġġ jew għall-qsim ta' kompiti bejn il-pajjiż li qed joffri u dak li qed jitlob l-appoġġ fl-operazzjoni ta' moduli li għandhom element ta' l-ajru.

(5) Huma meħtieġa miżuri fil-livell Komunitarju u ta' l-Istati parteċipanti sabiex tittejjeb l-interoperabbiltà tal-moduli tal-protezzjoni ċivili, notevolment fir-rigward tat-taħriġ u l-eżerċizzji.

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond il-fehma tal-Kumitat tal-Protezzjoni Ċivili,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2004/277/KE, Euratom hi emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, jiżdiedu d-defenizzjonijiet li ġejjin:

"(ċ) 'skwadri ta' intervent' tfisser ir-riżorsi umani u materjali inkluż il-moduli ta' protezzjoni ċivili (kif imsemmi fl-Artikoli 3a, 3b u 3ċ) stabbiliti mill-Istati Membri għall-interventi ta' protezzjoni ċivili.

(d) 'skwadri ta' appoġġ għall-assistenza teknika' tfisser ir-riżorsi umani u materjali stabbiliti mill-Istati Membri biex iwettqu kompiti ta' appoġġ."

[1] ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9.
[2] ĠU L 87, 25.3.2004, p. 20.

(2) Jiżdiedu l-Artikoli 3a, 3b u 3ċ li ġejjin:

"Artikolu 3a

1. Suġġett għall-iżvilupp ta' moduli addizzjonali, il-moduli tal-protezzjoni ċivili għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti elenkati fl-Anness II.

2. L-iskwadri ta' appoġġ għall-assistenza teknika għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti ġenerali elenkati fl-Anness III.

3. Moduli tal-protezzjoni ċivili kif ukoll skwadri ta' appoġġ għall-assistenza teknika jistħgu jkunu magħmula minn riżorsi pprovduti minn Stat Membru wieħed jew aktar.

4. Meta modulu tal-protezzjoni ċivili jew skwadra ta' appoġġ għall-assistenza teknika tkun komposta minn aktar minn element wieħed, l-użu ta' dak il-modulu tal-protezzjoni ċivili jew skwadra ta' appoġġ għall-assistenza teknika f'intervent tista' tkun limitata għall-elementi neċessarji għal dak l-intervent.

Artikolu 3b

1. L-elementi li ġejjin ta' awtosuffiċjeza għandhom japplikaw għall-moduli individwali ta' protezzjoni ċivili kif speċifikat fl-Anness II:

(a) kenn xieraq mit-temp prevalenti;

(b) ġenerazzjoni ta' enerġija u dawl li jkopri l-konsum tal-bażi ta' l-operazzjoni u tat-tagħmir meħtieġ biex titwettaq il-missjoni;

(ċ) faċilitajiet sanitarji u ta' iġjene għall-użu mill-persunal tal-modulu;

(d) disponibbiltà ta' ikel u ilma għall-persunal tal-modulu;

(e) persunal, faċilitajiet u provvisti mediċi jew para mediċi għall-persunal tal-modulu;

(f) ħażna u manutenzjoni tat-tagħmir tal-modulu;

(ġ) tagħmir għall-komunikazzjoni mas-sieħba rilevanti, notevolment dawk responsabbli mill-koordinazzjoni fil-post;

(h) trasport lokali;

(i) loġistika, tagħmir u persunal li jippermettu l-istabbilimment ta' bażi ta' operazzjonijiet u l-bidu tal-missjoni mingħajr dewmien mal-wasla fuq il-post.

2. Konformità mar-rekwiżiti ta' awtosuffiċjenza għandhom jiġu ggarantiti mill-Istat Membru li qed joffri, permezz ta' kwalunkwe minn dan li ġej:

(a) l-inklużjoni tal-persunal, tagħmir u l-konsumabbli neċessarji fil-modulu tal-protezzjoni ċivili;

(b) isiru l-arranġamenti neċessarji fil-post ta' l-operazzjonijiet;

(ċ) isiru l-prearranġamenti neċessarji biex jiġu kkombinati skwadra ta' intervent mhux awtosuffiċjenti ma' skwadra ta' appoġġ għall-assistenza teknika biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 3ċ qabel il-provviżjon ta' l-informazzjoni dwar il-modulu tal-protezzjoni ċivili kkonċernat skond l-Artikolu 3(1).

3. Il-perjodu li għalih l-awtosuffiċjenza trid tkun iggarantita mill-bidu tal-missjoni ma jistax ikun iqsar minn wieħed milli ġej:

(a) 96 siegħa;

(b) il-perjodi stipulati fl-Anness II għall-moduli speċifiċi tal-protezzjoni ċivili.

Artikolu 3ċ

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li r-rekwiżiti li ġejjin jintlaħqu:

(a) il-moduli tal-protezzjoni ċivili għandhom il-kapaċità li jiffunzjonaw ma' moduli oħra ta' protezzjoni ċivili;

(b) l-iskwadri ta' appoġġ għall-assistenza teknika għandhom il-kapaċità li jiffunzjonaw ma' skwadri ta' appoġġ għall-assistenza teknika u b'moduli ta' protezzjoni ċivili oħra;

(ċ) l-elementi ta' modulu tal-protezzjoni ċivili għandhom il-kapaċità li jiffunzjonaw flimkien bħala modulu ta' protezzjoni ċivili wieħed;

(d) l-elementi ta' skwadra ta' appoġġ għall-assistenza teknika għandhom il-kapaċità li jiffunzjonaw flimkien bħala skwadra ta' appoġġ għall-assistenza teknika waħda;

(e) il-moduli ta' protezzjoni ċivili u l-iskwadri ta' appoġġ għall-assistenza teknika, meta użati barra l-UE, għandhom il-kapaċità li jiffunzjonaw ma' kapaċitajiet internazzjonali ta' rispons għad-diżastri b'appoġġ għall-Istat milqut;

(f) kapijiet ta' l-iskwadri, viċi kapijiet ta' l-iskwadri u uffiċjali ta' kooperazzjoni ta' moduli tal-protezzjoni ċivili u skwadri ta' appoġġ għall-assistenza teknika jieħdu korsijiet u eżerċizzji xierqa ta' taħriġ organizzati mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 5(5) tad-Deċiżjoni 2007/779/KE, Euratom."

(3) Fl-Artikolu 11(1), it-terminu "Anness" jitbiddel bit-terminu "Anness I".

(4) Fl-Artikolu 24, jiżdied il-punt (e) li ġej:

"e) titjib ta' l-interoperabbiltà tal-moduli tal-protezzjoni ċivili."

(5) Fit-titolu ta' l-Anness, it-terminu "Anness" jitbiddel bit-terminu "Anness I".

(6) Jiżdied l-Anness II, kif stipulat fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

(7) Jiżdied l-Anness III, kif stipulat fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"L-ANNESS II

Rekwiżiti ġenerali għall-moduli Ewropej tal-protezzjoni ċivili [1]

1. **Ippumpjar b'kapaċità qawwija**

Kompiti	— Forniment ta' ppumpjar: • f'żoni mgħarrqa; • biex jiġi assistit it-tifi tan-nar bit-twassil ta' l-ilma.
Kapaċitajiet	— Forniment ta' ppumpjar b'mezz mobbli u pompi b'kapaċità qawwija: • b'kapaċità kumplessita ta' lanqas 1 000 m^3/siegħa; kif ukoll • b'kapaċità mnaqqsa ta' ppumpjar għal differenza ta' 40 metru fl-għoli. — Ħila biex: • jiffunzjona f'żoni u art li m'humiex faċilment aċċessibbli; • jippompja ilma bit-tajn, li fih mhux aktar minn 5 fil-mija ta' elementi solidi li l-qies tal-biċċiet taghom ikun sa 40 mm; • jippompja ilma sa 40 grad C° għal operazzjonijiet itwal; • iwassal l-ilma fuq distanza ta' 1 000 metru.
Elementi prinċipali	— Pompi b'kapaċità medja u qawwija. — Manek u rbit tal-pajpijiet kompatibbli ma' standards differenti, inkluż l-istandard Storz. — Biżżejjed persunal biex jaqdi l-kompitu, fejn meħtieġ, fuq bażi kontinwa.
Awtosuffiċjenza	— Japplikaw l-elementi (a) sa (i) ta' l-Artikolu 3b(1).
Użu	— Disponibbiltà għat-tluq f'massimu ta' 12-il siegħa wara l-aċċettazzjoni ta' l-offerta. — Ħila li jintuża għal perjodu ta' 21 jum.

2. **Purifikazzjoni ta' l-ilma**

Kompiti	— Forniment ta' ilma għax-xorb, minn sorsi ta' ilma tal-wiċċ, skond l-istandards applikabbli u ta' lanqas skond il-livell ta' l-istandards tal-WHO. — Jitwettaq kontroll tal-kwalità ta' l-ilma mill-punt tas-sors tat-tagħmir tal-purifikazzjoni.
Kapaċitajiet	— Purifikazzjoni ta' 225 000 litru ilma kuljum. — Kapaċità ta' ħżin ekwivalenti għall-produzzjoni ta'nofs jum.

[1] Il-lista ta' moduli ta' protezzjoni ċivili u r-rekwiżiti relatati stabbiliti f'din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu emendati biex jinkludu tipi oħra ta' moduli ta' protezzjoni ċivili li jikkunsidraw l-esperjenza miksuba mill-Mekkaniżmu.

Elementi prinċipali	— Faċilità mobbli tal-purifikazzjoni ta' l-ilma. — Faċilità mobbli tal-ħżin ta' l-ilma. — Laboratorju mobbli tal-post. — Irbit tal-pajpijiet kompatibbli ma' standards differenti, inkluż l-istandard Storz. — Biżżejjed persunal biex jaqdi l-kompitu, fejn meħtieġ, fuq bażi kontinwa.
Awtosuffiċjenza	— Japplikaw l-elementi ta' l-Artikolu 3b(1) (a) sa (i).
Użu	— Disponibbiltà għat-tluq f'massimu ta' 12-il siegħa wara l-aċċettazzjoni ta' l-offerta. — Ħila li jintuża għal perjodu ta' 12-il ġimgħa.

3. **Tiftix u salvataġġ medji urbani**

Kompiti	— Tiftix, lokalizzar u salvataġġ tal-vittmi [1] lokalizzati taħt it-terrapien (bħal bini mġarraf u inċidenti tat-trasport). — Forniment ta' l-ewwel għajnuna ta' salvataġġ tal-ħajja, sakemm isir it-trasferiment għal aktar trattament.
Kapaċitajiet	— Il-modulu għandu jkollu l-ħila jwettaq li ġej, filwaqt li jqis il-linji gwida rikonoxxuti internazzjonali, bħal-linji gwida INSARAG: • tiftix bil-klieb tat-tiftix u/jew tagħmir tekniku tat-tfittix; • salvataġġ, inkluż irfigħ; • qtugħ ta' konkos; • irbit tekniku bil-ħbula; • irfid bażiku; • detezzjoni u iżolament ta' hazmat [2], • għajnuna avvanzata ta' salvataġġ tal-ħajja [3]. — Ħila li jiffunzjona fuq sit wieħed 24 siegħa kull jum għal 7 ijiem.
Elementi prinċipali	— Ġestjoni (kmand, kooperazzjoni/koordinazzjoni, ippjanar, midja/rappurtaġġ, valutazzjoni/analiżi, sikurezza/sigurtà). — Tiftix (tiftix tekniku u/jew tiftix bil-klieb, detezzjoni ta' hazmat, iżolament ta' hazmat). — Salvataġġ (tkissir u ksur, qtugħ, irfigħ u ċaqliq, irfid, irbit tekniku bil-ħbula). — Mediku, inkluż kura tal-pazjenti u tal-persunal ta' l-iskwadra u l-klieb tat-tfittxija.
Awtosuffiċjenza	— Ta' lanqas 7 ijiem ta' operazzjonijiet. — Japplikaw l-elementi (a) sa (i) ta' l-Artikolu 3b(1).
Użu	— Operattiv fi żmien 32 siegħa fil-pajjiż milqut.

(1) Każwalitajiet ħajjin.
(2) Kapaċità bażika, kapaċitajiet aktar estensivi inklużu fil-modulu 'tad-detezzjoni u kampjunar kimiku, bioloġiku, radjoloġiku u nukleari'.
(3) Kura tal-pazjenti (l-ewwel għajnuna u stabilizzazzjoni medika) mid-dħul sal-ħruġ tal-vittma.

4. **Tiftix u salvataġġ qawwija urbani**

Kompiti	— Tiftix, lokalizzar u salvataġġ tal-vittmi [1] lokalizzati taħt it-terrapien (bħal bini mġarraf u inċidenti tat-trasport). — Forniment ta' l-ewwel għajnuna ta' salvataġġ tal-ħajja, sakemm isir it-trasferiment għal aktar trattament.
Kapaċitajiet	— Il-modulu għandu jkollu l-ħila jwettaq li ġej, filwaqt li jqis il-linji gwida rikonoxxuti internazzjonali, bħal-linji gwida INSARAG: • tiftix bil-klieb tat-tiftix u tagħmir tekniku tat-tfittix; • salvataġġ, inkluż irfigħ; • qtugħ tal-konkos rinfurzat u strutturi tal-ħadid; • irbit tekniku bil-ħbula; • irfid avvanzat; • detezzjoni u iżolament ta' ħazmat [2], • għajnuna avvanzata ta' salvataġġ tal-ħajja [3]. — Ħila li jiffunzjona fuq aktar minn sit wieħed 24 siegħa kull jum għal 10 ijiem.
Elementi prinċipali	— Ġestjoni (kmand, kooperazzjoni/koordinazzjoni, ippjanar, midja/rappurtaġġ, valutazzjoni/analiżi, sikurezza/sigurtà). — Tiftix (tiftix tekniku, tiftix bil-klieb, detezzjoni ta' ħazmat, iżolament ta' ħazmat). — Salvataġġ (tkissir u ksur, qtugħ, irfigħ u ċaqliq, irfid, irbit tekniku bil-ħbula). — Mediku, inkluż kura tal-pazjenti u tal-persunal ta' l-iskwadra u l-klieb tat-tfittxija [4].
Awtosuffiċjenza	— Ta' lanqas 10 ijiem ta' operazzjoni. — Japplikaw l-elementi (a) sa (i) ta' l-Artikolu 3b(1).
Użu	— Operattiv fi żmien 48 siegħa fil-pajjiż milqut.

[1] Każwalitajiet ħajjin.
[2] Kapaċità bażika, kapaċitajiet aktar estensivi inklużu fil-modulu 'tad-detezzjoni u kampjunar kimiku, bioloġiku, radjoloġiku u nukleari'.
[3] Kura tal-pazjenti (l-ewwel ġhajnuna u stabilizzazzjoni medika) mid-dhul sal-hruġ tal-vittma.
[4] Suġġett ghat-termini ta' liċenza medika u veterinarja.

5. **Modulu tat-tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru bl-użu ta' ħelikopter**

Kompiti	— Jgħin fit-tifi ta' nirien kbar f'foresti jew vegetazzjonijiet permezz ta' tifi tan-nar mill-ajru.
Kapaċitajiet	— Tliet ħelikopters b'kapaċità ta' 1 000 litru kull wieħed. — Ħila biex jitwettqu operazzjonijiet kontinwi.
Elementi prinċipali	— Tliet ħelikopters bl-ekwipaġġ, biex jiġi ggarantit li ta' lanqas żewġ ħelikopters huma operattivi fi kwalunkwe ħin. — Persunal tekniku. — 4 bramel ta' l-ilma jew 3 *kits* tar-rilaxx. — *Set* tal-manutenzjoni. — *Set* tal-*parts*. — Żewġ vinċijiet. — Tagħmir tal-komunikazzjoni:

Awtosuffiċjenza	— Japplikaw l-elementi (f) u (g) ta' l-Artikolu 3b(1).
Użu	— Disponibbiltà għat-tluq f'massimu ta' 3-il siegħa wara l-aċċettazzjoni ta' l-offerta.

6. **Modulu tat-tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru bl-użu ta' ajruplani**

Kompiti	— Jgħin fit-tifi ta' nirien kbar f'foresti jew vegetazzjonijiet permezz ta' tifi tan-nar mill-ajru.
Kapaċitajiet	— Żewġ ajruplani b'kapaċitàta' 3 000 litru kull wieħed. — Ħila biex jitwettqu operazzjonijiet kontinwi.
Elementi prinċipali	— Żewġ ajruplani. — Tlieta ekwipaġġ. — Persunal tekniku. — *Kit* għall-manutenzjoni fuq il-post. — Tagħmir tal-komunikazzjoni.
Awtosuffiċjenza	— Japplikaw l-elementi (a) sa (i) ta' l-Artikolu 3b(1).
Użu	— Disponibbiltà għat-tluq f'massimu ta' 3-il siegħa wara l-aċċettazzjoni ta' l-offerta.

7. **Kariga medika avvanzata**

Kompiti	— Jagħmel il-profil (bil-livell tal-gravità tal-ġrieħi) tal-pazjenti fuq is-sit tad-diżastru. — Jistabilizza l-kundizzjoni tal-pazjent u jħejjih għat-trasport lejn l-aktar faċilità tas-saħħa adegwata għat-trattament aħħari.
Kapaċitajiet	— Iwettaq analiżi tal-gravità tal-ġrieħi ta' l-anqas 20 pazjent fis-siegħa. — Skwadra medika kapaċi tistabilizza 50 pazjent kull 24 siegħa ta' attività, li topera fuq żewġ xiftijiet. — Disponibbiltà ta' provvisti għat-trattament ta' 100 pazjent bi ġrieħi minuri kull 24 siegħa.
Elementi prinċipali	— Skwadra medika kull xift ta' 12-il siegħa: • analiżi tal-gravità tal-ġrieħi: infermier u/jew tabib; • kura intensiva: tabib u infermier; • ġrieħi gravi, imma mhux fil-periklu tal- mewt: tabib u 2 infermiera; • evakwazzjoni: infermier; • persunal speċjalizzat ta' appoġġ: 4. — Tined: • tinda/tined b'żoni interkonnessi għall-analiżi tal-gravità tal-ġrieħi, il-kura medika u l-evakwazzjoni; • tinda/tined għall-persunal. — Post ta' kontroll. — Depożitu ta' provvista loġistika u medika.

Awtosuffiċjenza	— Japplikaw l-elementi (a) sa (i) ta' l-Artikolu 3b(1).
Użu	— Disponibbiltà għat-tluq f'massimu ta' 12-il siegħa wara l-aċċettazzjoni ta' l-offerta. — Operattiv siegħa wara l-wasla fuq il-post.

8. **Kariga medika avvanzata bil-kirurġija**

Kompiti	— Jagħmel il-profil (bil-livell tal-gravità tal-ġrieħi) tal-pazjenti fuq is-sit tad-diżastru. — Iwettaq kirurġija biex jikkontrolla l-ħsara. — Jistabilizza l-kundizzjoni tal-pazjenti u jħejjihom għat-trasport lejn l-aktar faċilità tas-saħħa adegwata għat-trattament aħħari.
Kapaċitajiet	— Iwettaq analiżi tal-gravità tal-ġrieħi ta' l-anqas 20 pazjent fis-siegħa. — Skwadra medika kapaċi tistabilizza 50 pazjent kull 24 siegħa ta' attività, li topera fuq żewġ xiftijiet. — Skwadra kiruġika kapaċi twettaq kirurġija għall-kontroll tal-ħsara fuq 12-il pazjent kull 24 siegħa ta' attività, li topera fuq żewġ xiftijiet. — Disponibbiltà ta' provvisti għat-trattament ta' 100 pazjent bi ġrieħi minuri kull 24 siegħa.
Elementi prinċipali	— Skwadra medika kull xift ta' 12-il siegħa: • analiżi tal-gravità tal-ġrieħi: infermier u/jew tabib; • kura intensiva: tabib u infermier; • kirurġija: 3 kirurgi, 2 infermiera għall-operazzjonijiet, anestetista, infermier anestetista; • ġrieħi gravi, imma mhux fil-periklu tal- mewt: tabib u 2 infermiera; • evakwazzjoni: infermier; • persunal speċjalizzat ta' appoġġ: 4. — Tined: • tinda/tined b'żoni interkonnessi għall-analiżi tal-gravità tal-ġrieħi, il-kura medika u l-evakwazzjoni; • tinda/tined għall-persunal; • tinda/tined għall-persunal. — Post ta' kontroll. — Depożitu ta' provvista loġistika u medika.
Awtosuffiċjenza	— Japplikaw l-elementi (a) sa (i) ta' l-Artikolu 3b(1).
Użu	— Disponibbiltà għat-tluq f'massimu ta' 12-il siegħa wara l-aċċettazzjoni ta' l-offerta. — Operattiv siegħa wara l-wasla fuq il-post.

9. **Sptar fuq il-post**

Kompiti	— Forniment ta' kura, inizjali u/jew ta' segwiment, medika u għat-trawma, filwaqt li jitqiesu l-linji gwida rikonoxxuti internazzjoanli għall-użu ta' sptar barrani fuq il-post, bħal-linji gwida ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa jew tar-Red Cross.
Kapaċitajiet	— 10 sodod għall-pazjenti bi trawma qawwija, bil-possibbiltà li titkabbar il-kapaċità.

Elementi prinċipali	— Skwadra medika għal: • analiżi tal-gravità tal-ġrieħi; • kura intensiva; • kirurġija; • ġrieħi gravi, imma mhux fil-periklu tal- mewt; • evakwazzjoni; • persunal speċjalizzat ta' appoġġ; • u ta' lanqas tkopri li ġej: ġeneralist, tobba ta' l-emerġenza, ortopedista, pedjatra, anestetista, farmaċista, ostetriku, uffiċjal tas-saħħa, tekniku tal-laboratorju, tekniku tar-raġġi X. — Tined: • tined xierqa għall-attivitajiet mediċi; • tined għall-persunal. — Post ta' kontroll. — Depożitu ta' provvista loġistika u medika.
Awtosuffiċjenza	— Japplikaw l-elementi (a) sa (i) ta' l-Artikolu 3b(1).
Użu	— Disponibbiltà għat-tluq f'massimu ta' 7 ijiem wara t-talba. — Operattiv fuq is-sit 3 siegħat mill-wasla fuq is-sit. — Operattiv ta' lanqas għal 15-il jum.

10. **Evakwazzjoni medika mill-ajru tal-vittmi tad-diżastru**

Kompiti	— Trasport tal-vittmi tad-diżastru lejn faċilitajiet tas-saħħa għat-trattament mediku.
Kapaċitajiet	— Kapaċità ta' trasport ta' 50 pazjent kull 24 siegħa. — Kapaċità ta' titjir lejl u nhar.
Elementi prinċipali	— Ħelikopters/ajruplani bi streċers.
Awtosuffiċjenza	— Japplikaw l-elementi (f) u (g) ta' l-Artikolu 3b(1).
Użu	— Disponibbiltà għat-tluq f'massimu ta' 12-il siegħa wara l-aċċettazzjoni ta' l-offerta.

11. **Kenn temporanju għall-emerġenza**

Kompiti	— Forniment ta' kenn temporanju għall-emerġenza, inkluż is-servizzi essenzjali, prinċipalment fil-fażijiet inizjali ta' diżastru b'koordinazzjoni ma' l-istrutturi eżistenti, l-awtoritajiet lokali u organizzazzjonijiet internazzjonali, sakemm l-inkarigu jiġi ttrasferit lill-awtoritajiet lokali jew organizzazzjonijiet umanitarji, fejn il-kapaċità tibqa' tkun neċessarja għal perjodi itwal. — Meta jsir it-trasferiment, jitħarreġ il-persunal rilevanti (lokali u/jew internazzjonali) qabel ma jitlaq dan il-modulu.
Kapaċitajiet	— Kamp tat-tinda mgħammar għal 250 persuna.

Elementi prinċipali	— Jitqiesu l-linji gwida rikonoxxuti internazzjonali, bħal-linji gwida SPHERE. • tined bit-tisħin (għall-kundizzjonijiet xitwin) u sodod tal-kampjiet b'borża ta' l-irqad u/jew kutra; • ġeneraturi ta' l-enerġija u tagħmir għat-tidwil; • faċilitajiet sanitarji u ta' iġjene; • distribuzzjoni ta' l-ilma tax-xorb, skond l-istandards tal-WHO; • kenn għal attivitajiet soċjali bażiċi (posibbiltà ta' armar).
Awtosuffiċjenza	— Japplikaw l-elementi (a) sa (i) ta' l-Artikolu 3b(1).
Użu	— Disponibbiltà għat-tluq f'massimu ta' 12-il siegħa wara l-aċċettazzjoni ta' l-offerta. — Ġeneralment, il-missjoni għandha ddum l-aktar 4 ġimgħat, jew meta meħtieġ ikun inbeda proċess ta' trasferiment ta' l-inkarigu.

12. **Detezzjoni u kampjunar kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari (CBRN)**

Kompiti	— Twettiq/konferma tal-valutazzjoni inizjali, inkluż: • id-deskrizzjoni tal-perikli jew ir-riskji; • id-determinazzjoni taż-żona kontaminata; • il-valutazzjoni jew konferma tal-miżuri protettivi diġà meħuda. — Twettiq ta' kampjunar professjonali. — Immarkar taż-żona kontaminata. — Previżjoni tas-sitwazzjoni, monitoraġġ, valutazzjoni dinamika tar-riskji, inkluż rakkomandazzjonijiet għal twissija u miżuri oħra. — Forniment ta' appoġġ għal tnaqqis immedjat tar-riskju.
Kapaċitajiet	— L-identifikazzjoni u detezzjoni ta' perikli kimiċi u radjoloġiċi permezz ta' kombinazzjoni ta' tagħmir li jinżamm fl-idejn, mobbli jew ibbażat fil-laboratorji: • kapaċità ta' detezzjoni radjazzjoni alfa, beta u gamma u ta' identifikazzjoni ta' iżotopi komuni; • kapaċità ta' identifikazzjoni, u fejn possibbli, ta' twettiq ta' analiżi semikwantitattiva ta' kimiċi komuni industrijali tossiku u aġenti rikonoxxuti użati għall-gwerer. — Kapaċità tal-ġbir, ipproċessar u tħejjija ta' kampjuni bijoloġiċi, kimiċi u radjoloġiċi għal aktar analiżi fi bnadi oħra ([1]). — Kapaċità li jiġu applikati mudelli xjentifiċi xierqa għall-previżjoni tal-perikli u li jiġu kkonfermati mudelli permezz ta' monitoraġġ kontinwu. — Forniment ta' appoġġ għal tnaqqis immedjat tar-riskju: • trażżin tal-periklu; • newtralizzar tal-periklu; • forniment ta' appoġġ tekniku lil skwadri jew moduli oħra.

Elementi prinċipali	— Laboratorju kimiku u radjoloġiku, mobbli fuq il-post — Tagħmir ta' detezzjoni li jinżamm fl-idejn jew mobbli. — Tagħmir għall-kampjunar fuq il-post. — Sistemi ta' mmudellar għat-tifrix. — Stazzjon mobbli meterjoloġiku. — Materjal għall-immarkar. — Dokumentazzjoni ta' referenza u aċċess għal sorsi desinjati ta' għarfien espert xjentifiku. — Trażżin sikur għall-kampjuni u l-iskart. — Faċilitajiet ta' dikontaminazzjoni għall-persunal. — Persunal adegwat u tagħmir protettiv għas-sostenn ta' operazzjoni f'ambjent ikkontaminat u/jew nieqes mill-ossiġenu, inkluż tuti xierqa li jissiġillaw kontra l-gass. — Provvista ta' tagħmir tekniku għat-trażżin u n-newtralizzazzjoni ta' periklu.
Awtosuffiċjenza	— Japplikaw l-elementi (a) sa (i) ta' l-Artikolu 3b(1).
Użu	— Disponibbiltà għat-tluq f'massimu ta' 12-il siegħa wara l-aċċettazzjoni ta' l-offerta.

([1]) Dan il-proċess ghandu, fejn possibli, iqis ir-rekwiżiti evidenzjali ta' l-istat li jagħmel it-talba.

13. **Tiftix u salvataġġ f'kundizzjonijiet CBRN**

Kompiti	— Tiftix u salvataġġ speċjali bl-użu ta' tuti protettivi.
Kapaċitajiet	— Tiftix u salvataġġ speċjali bl-użu ta' tuti protettivi, skond ir-rekwiżiti tal-moduli ta' tiftix u salvataġġ urban medju u qawwi kif xieraq. — Tlieta minn nies jaħdmu simultanjament f'żona ta' periklu. — Intervent kontinwu għal 24 siegħa.
Elementi prinċipali	— Materjal għall-immarkar. — Trażżin sigur u sikur għall-iskart. — Faċilitajiet ta' dekontaminazzjoni għall-persunal u għall-vittmi salvati. — Persunal adegwat u tagħmir protettiv għas-sostenn ta' operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ f'ambjent ikkontaminat, skond ir-rekwiżiti tal-moduli ta' tiftix u salvataġġ urban medju u qawwi kif xieraq. — Provvista ta' tagħmir tekniku għat-trażżin u n-newtralizzazzjoni ta' periklu.
Awtosuffiċjenza	— Japplikaw l-elementi (a) sa (i) ta' l-Artikolu 3b(1).
Użu	— Disponibbiltà għat-tluq f'massimu ta' 12-il siegħa wara l-aċċettazzjoni ta' l-offerta."

ANNESS II

"ANNESS III

Rekwiżiti minimi għal Skwadri ta' Appoġġ għall-Assistenza Teknika

Kompiti	— Jiġi pprovdut jew isiru arranġamenti għal • riżorsi ta' l-uffiċċju; • riżorsi tat-telekomunikazzjoni; • riżorsi ta' sussistenza; • riżorsi tat-trasport fil-post.
Kapaċitajiet	— Kapaċità ta' appoġġ lil skwadra tal-valutazzjoni u/jew tal-koordinazzjoni, ċentru fuq il-post għall-koordinazzjoni ta' l-operazzjonijiet, jew li tkun kkombinata ma' modulu tal-protezzjoni ċivili kif imsemmi fl-Artikolu 3b.2(ċ).
Elementi prinċipali	— L-elementi ta' appoġġ li ġejjin, li jippermettu li jintlaħqu l-funzjonijiet kollha ta' ċentru fuq il-post għall-koordinazzjoni ta' l-operazzjonijiet, filwaqt li jqisu l-linji gwida rikonoxxuti internazzjonali bħal-linji gwida tan-NU: • riżorsi ta' l-uffiċċju; • tagħmir għall-appoġġ bit-telekomunikazzjoni; • tagħmir għall-appoġġ b'sussistenza; • riżorsi tat-trasport fil-post.
Użu	— Disponibbiltà għat-tluq f'massimu ta' 12-il siegħa wara t-talba."

CORRIGENDUM

Rettifika għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità

(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, L 169 ta' l-10 ta'Lulju 2000)

(Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Volum 29, p. 258-369)

F'paġna 60, (Edizzjoni Speċjali p. 317), Anness IV, Parti A, Sezzjoni 1, punt 46, l-ewwel subparagrafu tal-kolonna fix-xellug

minflok: "46. Pjanti intenzzjonati għaż-żrigħ, għajr żrieragħ, tuberi, basal tal-qasab, *rhizomes,* li joriġinaw f'pajjiżi fejn l-organiżmi perikulożi relevanti huma magħrufa li tiġriL-organiżmi perikulożi relevanti huma."

aqra: "46. Pjanti intenzzjonati għaż-żrigħ, għajr żrieragħ, basal, tuberi, basal tal-qasab *u rhizomes,* li joriġinaw f'pajjiżi fejn l-organiżmi perikulożi relevanti huma magħrufa li tiġriL-organiżmi perikulożi relevanti huma"